# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 7**

**Rikors numru 811/06/1 JZM**

**Mare Blu Tuna Farm Limited (C20565)**

**v.**

**Dr. Ann Fenech LL.D. nominata b'digriet tal-1 ta' Marzu 2007 bħala Kuratur Deputat a nom tal-vapur assenti MV Coral Water**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta appell tas-soċjeta` attriċi minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-12 ta' Jannar 2016 li ċaħdet talba għad-danni wara inċident fuq il-baħar.

2. Il-proċeduri li wasslu għal dan l-appell kienu dawn:

2.1. Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2006 kontra kuraturi deputati għan-nom tal-vapur MV CoralWater, is-soċjeta` attriċi ppremettiet u talbet is-segwenti:

*'1. Illi fil-lejl tal-Hadd tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awissu tas-sena elfejn u sitta (2006) ghall-habta tal-hdax bastiment, bl-isem ta' MV CoralWater bin-numru ta` registrazzjoni ta` l-IMO 9004163 irregistrat fl-Olanda, ta' tunnellag gross ta` elf u tmien mija u hamsa u disghin (1895) tunnellati u net ta' tmien mija u wiehed u tmenin (881) tunnellati u ta' tul ta' tlieta u disghin punt erbgha erbgha (93.44) metri, dahal fuq qasam tal-hut (fish farm) proprjetà tas-2 socjetà rikorrenti Mare Blu Tuna Farm Company Limited, li tinsab madwar erbgha mili nawtici 'l boghod mill-kosta Maltija ta' Marsascala, u kkaguna diversi sarta;*

*"2. Illi s-socjetà attrici zzomm, trabbi u thaxxen tonn f`dan il-qasam tal-hut sabiex ikun mibjugh u esportat barra minn Malta;*

*"3. Illi b'kagun tal-hsarat ikkagunati mill-bastiment fl-incident mertu ta' din il-kawza t-tonn li kien hemm f`wahda mill-gaggeg ta' dan il-qasam tal-hut, proprjetà tas-socjetà rikorrenti, harab u nfirex fl-ibhra ta' madwar bir-rizultat li ma jistax jinqabad u ghalhekk bil-konsegwenza li t-tonn huwa mitluf;*

*"4. Illi ghalhekk il-hsarat u d-danni fil-qasam tal-hut jikkonsistu fost ohrajn fis-segwenti:*

*"(a) Telf ta` bejgh ta' madwar mitejn tunnellata metrika ta' tonn li harab mill-gaggeg tal-qasam;*
*"(b) Madwar tmenin tunnellata ta' ikel ghal hut;*
*"(c) Diversi bagi mitlufa;*
*"(d) Mijiet ta' metri ta' hbula mqatughin;*
*"(e) Diversi pajpijiet imkisrin;*
*"(f) Diversi ktajjen mitlufa;*
*"(g) Xbieki mqatghin.*

*"5. Illi s-socjetà rikorrenti kontinwament tassigura sabiex il-qasam tal-hut, proprjetà taghha, hija ben vizibbli ghal bastimenti ghaddejjin f`dawk libhra, permezz ta' bagi, dawl u bastimenti, proprjetà tas-socjetà rikorrenti;*

*"6. Illi apparti l-prekawzjonijiet il-proprjetà tas-socjetà rikorrenti sabiex jigi evitati incidenti bhal dak mertu tal-kawza, il-Gvern Malti pogga wkoll diversi bagi li juru l-parametri tal-qasam tal-hut f`dawk l-akkwati fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza;*

*“7. Illi apparti dawn il-prekawzjonijiet il-proprjetà tas-socjetà rikorrenti tkun immarkata fuq ir-radar ta’ kull bastimeni li huma ghaddejjin f`dawk l-ibhra;*

*“8. Illi l-proprjetà tas-socjetà rikorrenti ghandha tkun immarkata fuq il-karti ta’ navigazzjoni ta’ kull bastiment li tkun ghaddejja minn dawk l-ibhra, u li ghandhom ikunu aggornati minn zmien ghal zmien;*

*“9. Illi l-unika mod li l-bastiment MV CoralWater seta` dahal fuq il-proprjetà tas-socjetà attrici huwa permezz ta’ traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli;*

*“Ghaldaqstant, is-socjetà rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*“1. Tiddikjara li l-incident mertu ta’ din il-kawza kien unikament tort tal-bastiment intimata MV CoralWater u sehh minhabba traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli;*

*“2. Tillikwida d-danni subiti mis-socjetà attrici;*

*“3. Tordna lil bastiment MV CoralWater thallas id-danni hekk likwidati lis-socjetà attrici.’*

2.2. Permezz ta’ tweġiba maħlufa[1] ppreżentata fid-9 ta’ April 2007, l-Av. Dr. Ann Fenech bħala mandatarja tal-bastiment MV Coral Water wieġbet:

*‘Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet li:*

*“1. L-allegat incident ma sehhx tort tal-bastiment intimat u anqas u anqas ma sehh b’xi traskuragni grossa jew b’xi konsapevolezza li l-allegat incident kien probabbli, kif qed tallega s-socjetà attrici.*

*“2. L-allegat incident sehh semmai minhabba t-traskuragni u n-negligenza tal-istess socjetà rikorrenti.*

*“3. Is-socjetà attrici ma stabbilitx li t-telf tal-hut li qed tallega fil-fatt gie kkagunat mill-allegat incident.*

*“4. Mhux minnu li s-socjetà attrici sofriet l-allegati danni minhabba xi tort tal-bastiment intimat.*

[1] Fol. 22 *et seq*.

*"5. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, anki jekk ghall-grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-bastiment intimat ghandu xi responsabbiltà ghall-incident, il-bastiment intimat ghandu d-dritt jillimita r-responsabiltà tieghu u peress li huwa ta' anqas minn 2000 tunnellata gross, l-istess bastiment ghandu d-dritt jillimita kwalunkwe responsabbiltà li ghandu ghall-mhux aktar minn 1,000,000 special drawing rights, ekwivalenti ghal cirka Lm485,889 (erba' mija hamsa u tmenin elf u tmien mija u disgha u tmenin liri Maltin). Dan id-dritt tal-bastiment intimat johrog mill-att legali 361 tal-2003, kif emendat permezz tal-att legali 103 u 261 tal-2004, liema atti legali japplikaw ghal Malta u jinkorporaw fil-ligi Maltija l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar "Limitation of Liability for Maritime Claims 1976" kif emendata mill-Protocol tal-1996 (dokumenti hawn annessi u mmarkati AF1 u AF2).*

*"Salv eccezzjonijiet ohra.'*

2.3. B'sentenza tat-12 ta' Jannar 2016, l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet u ċaħdet it-talbiet tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

3. Is-soċjeta` attriċi appellat u ilmentat li:

i. l-ewwel Qorti waslet għal konklużjonijiet ħżiena dwar l-użu tal-karti nawtiċi (*navigational charts*) u l-Avviżi Nawtiċi (*Notice to Mariners*);

ii. il-kopja tal-inkjesta li saret mill-Maġistrat Inkwirenti ma ġietx eżebita skont l-Artikolu 637(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u f'kull każ il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili;

iii. ix-xhieda prodotta minnha ġiet skartata;

iv. huwa d-dmir tal-kaptan li josserva l-karti nawtiċi adegwati rrispettivament mid-daqs tiegħu b'dan illi l-ewwel Qorti ma kellha qatt taċċetta l-argument illi Kaptan ta' bastiment żgħir għandu anqas oneru li jistabbilixxi periklu fil-baħar għaliex ma jistax jara fit-tul u li kien l-oneru tal-qasam tal-ħut illi jkun armat b'għodda bħal *radar reflectors* sabiex ikun jista' jiġi identifikat minn bastiment ta' daqs bħal dak mertu tal-każ;

v. it-tieni eċċezzjoni ma kellhiex tintlaqa', kemm għaliex l-ewwel Qorti ma ssostanzjatx tali konklużjoni, kif ukoll għaliex ma hemm l-ebda provi in atti sabiex jiġi stabbilit illi l-bastiment daħal fil-qasam tal-ħut unikament minħabba negliġenza da parti tas-soċjeta` appellanti;

vi. kuntrarjament għal dak deċiż, m'huwiex minnu li kien hemm kunflitt ta' provi dwar in-negliġenza tal-kaptan Becht;

vii. mill-provi li kellha l-ewwel Qorti, l-eżistenza tal-bagi u l-funzjonalita` tad-dawl fuqhom ġiet ippruvata u f'kull każ '*proper lookout'* ma jikkonsistix biss f'dak li l-kaptan jew l-ekwipaġġ setgħu jaraw b'għajnejhom iżda wkoll fl-ippjanar tajjeb tar-rotta, pussess tal-karti nawtiċi adegwati, tagħrif ta' Avviż ta' Navigazzjoni u attenzjoni f'dak li jirriżulta fuq ir-radar;

viii. l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet u għalhekk ma ħaditx konjizzjoni tat-talba għal-likwidazzjoni tad-danni.

4. Permezz ta' tweġiba preżentata fl-14 ta' Marzu 2016, il-konvenuta spjegat fid-dettall għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

Konsiderazzjonijiet

5. Il-fatti prinċpali huma dawn:

5.1. Fil-25 ta' Awwissu 2006, il-bastiment konvenut telaq minn Porto Torres, Sardinja, l-Italja. Il-kaptan kien Hans Becht. Il-bastiment kellu jmur Tulza, Turkija '*with an intended stop off Malta for Bunkering*';[2]

5.2. Il-kaptan xehed illi fis-27 ta' Awwissu 2006 intużat *navigational chart* numru 2123 sabiex waslu l-*Valletta Pilot Station.* Żied[3] li din kienet l-ewwel darba li huwa kien baħħar fil-Mediterran u fuq il-bastiment konvenut huwa kellu biss *nautical charts* numri 2123[4] u 176.[5] Filwaqt li kien mingħalihom li se jieħdu l-*bunkers* mill-Port il-Kbir, minn hemm ġew infurmati li kellhom imorru f'*bunkering area 4* fil-Port ta' Marsaxlokk[6] u li ma jidhirx f'*chart* 2123. Għalhekk irrefera għal *chart* 176 u mxew tul il-kosta sakemm waslu f'*bunkering area 4*;

[2] Fol. 169.
[3] Fol. 341.
[4] Fol. 176.
[5] Fol. 177.
[6] Fol. 628.

5.3. Fis-18:05hrs tefgħu l-ankri. Il-*bunkering* beda fis-19:00hrs u spicca fid-21:35 ta' bil-lejl. Il-baħar kien imqalleb forza 5 sa forza 6 b'mewġ ta' żewġ metri jew tlieta.[7] Il-kaptan Mario Grech xehed illi sakemm il-bastiment konvenut tella' l-ankri '*the vessel drifted in a south eastern position'.*[8]

5.4. Bejn 22:00hrs u 22:15[9] tellgħu l-ankra u minn hemm infurmaw lill-*Valletta Port Control* li kienu se jipproċedu lejn il-grigal (North East) lejn il-Greċja biex imorru fil-port ta' Tusla fit-Turkija.[10] It-trajjetorja tal-bastiment kienet dik murija fid-*diagrams* fol. 427 u 503.

5.5. F'dak il-ħin fuq il-bridge tal-bastiment appellat kien hemm il-kaptan Becht kif ukoll *Chief Officer* Martijn Mantz u *lookout* Fernando Antonio do Rosario li lkoll xehdu fl-inkjesta;[11]

5.6. Il-bastiment huwa twil madwar 90 metru. Kien *ballast* (vojt) u għaddej b'veloċita` ta' 8 *knots*;

5.7. Il-baħar kien forza 5 sa forza 6 b'mewġ ta' żewġ metri jew tlieta;

---

[7] Fol. 629.
[8] Fol. 416.
[9] Fol. 471.
[10] Fol. 627.
[11] Fol. 627 *et seq*.

5.8. Il-kaptan Becht innota żewġ kuntatti fuq ir-*radar* fuq in-naħa tal-lemin tal-bastiment (*starboard*) u mill-*bridge wing* innota li kienu żewġ bastimenti ankrati.[12] Mill-provi jirriżulta li dawn kienu l-M/V Graziella u l-M/V Daniela li kienu ingaġġati mis-soċjeta` appellanti biex jagħlfu t-tonn u jissorveljaw iż-żona tal-ħut. Biex jevitahom il-kaptan Becht dawwar il-bastiment appellat ftit lejn ix-xellug (*portside*). Wara li kien *clear* minnhom reġa' dawwar il-bastiment lejn il-grigal;

5.9. Ftit wara, fl-22:40, raw f'daqqa waħda dwal żgħar fil-viċin ħafna[13] li minħabba l-imbatt tal-baħar ma kinux jidhru qabel. Qalu li ħasbuhom *markers* ta' *fishing line*.[14] Peress li kien tard wisq biex idawwar naħa jew oħra, il-kaptan Becht iddeċieda li jgħaddi bejniethom;

5.10. Fil-22:45 l-iskrun tal-bastiment inqabad minn ħbula tal-irmiġġ u l-magna waqfet minħabba *overload.* Fl-istess ħin l-kaptan Becht jgħid li xegħlu d-dwal. Kien f'dak il-punt li nduna li d-dwal li ħaseb li kienu qed jimmarkaw *fishing line* f'qigħ il-baħar kienu fil-fatt dwal ma' gaġeġ tal-ħut. Jgħid li ra li l-bastiment kien inqabad mal-ħbula tal-irmiġġ li kienu jiċċirkondaw il-qasam tal-ħut u kien jinsab bejn żewġ gaġeġ.

[12] Fol. 169 *et seq*.
[13] A fol. 170 il-kaptan Becht jgħid li kienu '*small lights'* għalkemm a fol. 630 il-kaptan Lanfranco rrelata li kemm il-kaptan Becht kif ukoll ic-*chief mate* raw żewġt idwal sofor.
[14] Fol. 170.

Madanakollu, ma jiftakarx li l-bastiment konvenut f'xi ħin effettivament miss ma waħda minnhom;[15]

5.11. Il-qasam tal-ħut in kwistjoni huwa proprjeta` tas-soċjeta` appellanti u jopera b'konċessjoni li ngħatat mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.[16] Jinsab ġo żona ta' akwakultura stabbilita bil-permess tal-MEPA datat 20 ta' Ġunju 2006[17] liema żona ġiet notifikata lill-baħħara permezz ta' *Notice to Mariners No 6 of 2006* maħruġ fis-16 ta' Marzu 2006.[18] L-istess avviż jagħti l-*coordinates* taż-żona ta' akwakultura u jgħid ukoll illi '*special marker buoys will be set up in due course to mark the Aquaculture Zone.'* Sussegwentement, fl-10 ta' Lulju 2006, inħareġ *Notice to Mariners No 28 of 2006* bil-*coordinates* tal-imsemmija bagi.[19] Jgħid ukoll li '*the characteristic of the special marker bouys is flashing yellow'*;

5.12. Il-kaptan Becht isostni li wara li weħlu fil-qasam tal-ħut, ġew ikkuntattjati bil-VHF minn xi persuni iżda ma fehmux min kienu. Matul l-andament tal-kawża rriżulta li kienu persuni abbord M/V Graziella u l-M/V Daniela. Għall-ħabta tal-23:00 il-kaptani tal-istess bastimenti

[15] Fol. 170.
[16] Fol. 186.
[17] Fol. 181.
[18] Fol. 213.
[19] Fol. 659.

ċemplu wkoll lil Giovanni Ciappitta, direttur tas-soċjeta` appellanti, biex jinfurmawh b'dak li kien ġara;[20]

5.13. Dan tal-aħħar ċempel minnufih lill-għaddasa tiegħu u marru lkoll fuq il-post dak il-ħin stess. Qal li nfurmawh li l-bastiment appellat kien imwaħħal minħabba li laqat iċ-ċima tal-gaġġa u dawn tqabbdu mal-iskrejjen tal-istess bastiment iżda peress li kien id-dlam ma setgħux jivverifikaw xi ħsara saret eżattament;

5.14. L-għada filgħodu, sbieħ it-28 ta' Awwissu 2006, il-kaptan Becht ħa diversi ritratti li hemm fl-atti. Fl-istess għodwa, għaddasa nkarigati mill-appellanti niżlu taħt wiċċ il-baħar u rrapurtaw li kien hemm ħsara estensiva fil-gaġġa numru sebgħa (7). Skonthom, bl-impatt tal-bastiment appellat mal-gaġġa tqattgħat ix-xibka tagħha bil-konsegwenza li l-ħut kollu ta' ġo fiha, madwar 207 tunellata tonn '*blue fin',* ħarab minnha. L-appellanti stmat l-allegati danni fis-somma komplessiva ta' Lm871,909.80 (€2,031,003.49);[21]

5.15. Fil-frattemp, is-soċjeta` attriċi għamlet rapport lill-Pulizija dwar il-ħsarat li allegat li sofriet b'riżultat tal-inċident u nfetħet inkjesta sabiex jiġi stabbilit jekk l-inċident seħħx minħabba negliġenza tal-kaptan Becht. Il-Maġistat Inkwirenti ħatar lil Philip Zammit, PC 186

[20] Fol. 44.
[21] Fol. 52.

Kristian Mintoff u l-kaptan Reuben Lanfranco sabiex jirrapportaw dwar l-inċident;

5.16. Fit-28 ta' Awwissu 2006 wara nofsinhar, żewġ Marixxalli nfurmaw lill-kaptan Becht li l-bastiment kien taħt arrest. Aktar tard marru xi għaddasa biex jaqtgħu l-ħbula maqbuda mal-iskrun tal-MT *Coral Water* u l-istess bastiment tefa' l-ankri fil-17:25;

5.17. Nhar l-Erbgħa, 30 ta' Awwissu 2006, tug boat irmunkat l-MT *Coral Water* sal-Port il-Kbir u rmiġġa hemm. Il-bastiment ma kellux ħsara. Fl-istess ġurnata Carmel Vella, *commercial diver* imqabbad mill-Ing. Paul Cardona li kien inkarigat mill-*underwriters* tal-bastiment appellat, spezzjona u ħa *video footage* tal-gaġeġ numru 5 u 7.[22] Qal[23] li gaġġa numru 5 kellha '*recent contact markings and surface scratches'* iżda kienet nadifa u '*well stocked'* b'tonn ta' bejn 40kg u 300kg. Dwar il-gaġġa numru 7 jgħid li '*the tear was an average of 10 meters* in *length providing a gap width of approximately 3 to 4 meters*' u kienet fuq in-naħa tal-Lvant. Kompla jispjega li x-xibka kienet maħmuġa fis-sens li kellha '*dirt and debris'*. Wara spezzjona l-iskrun tal-bastiment appellat u ra li mgħaqqda miegħu kien hemm '*ropes blue in colour of about 3 inches in diameter and I immediately noticed that*

[22] Vol. 2 fol. 257.
[23] Fol. 254.

*they were of the same quality as the ropes which the divers at the fish farm were repairing'*;[24]

5.18. Fis-7 ta' Awwissu 2007 ġiet konkluża l-inkjesta. Instab illi għalkemm il-kaptan Becht m'użax *chart* 194 jew 2538 minflok dik numru 2123, il-kawżi prinċipali ta' dan l-inċident kienu l-kundizzjonijiet meterjoloġiċi ħżiena abbinati '*ma' l-isfortuna'* u għalhekk l-istess inċident ma kienx ġie kaġunat minn nuqqas tal-ekwipaġġ iżda minn fatturi li huma ma kellhomx kontroll fuqhom.[25]

6. Peress li l-aggravji huma interkonnessi, sabiex tiġi evitata ripetizzjoni bla bżonn il-<u>konsiderazzjonijiet</u> prinċipali li għamlet l-ewwel Qorti huma dawn:

> *'1) Is-socjeta` attrici nghatat il-permess sabiex topera qasam tal-hut fiz-zona in kwistjoni b`ittra li ggib id-data tal-1 ta` Settembru 2006.*
>
> *"2) Skont din l-ittra s-socjeta` attrici kienet awtorizzata tibda topera b`sehh mill-istagun tat-tonn 2006. Ghalhekk setghet tpoggi l-gaggeg taghha mid-19 ta` Lulju 2006.*
>
> *"3) Skont Dok MG2 (a fol 427) jirrizulta li l-bastiment konvenut dahal fil-qasam tal-hut min-naha ta` fejn kien hemm il-gaggeg nru 5 u 7.*
>
> *"4) Abbazi tal-proces verbal tal-inkjesta magisterjali li kienet konkluza fis-7 ta` Awissu 2007, <u>u li jikkostitwixxi prova ghall-finijiet u effetti kollha talligi anke ghall-fini tal-kawza tal-lum</u>, jirrizulta illi l-kaptan aderixxa mar-regolamenti <u>kollha</u>, kemm internazzjonali u kemm lokali, sabiex jigu evitati kollizjonijiet marittimi. Fl-istess att, tirrizulta l-konkluzjoni li l-kawzi principali tal-incident kienu l-kondizzjonijiet meteoroligici hziena abbinati mal-isfortuna. Jinghad ukoll li dak kien incident involontarju li*

[24] Fol. 255.
[25] Fol. 616 *et seq*.

*gara mhux minn nuqqas tal-ekwipagg izda minn fatturi ohra li ma kellhomx kontroll fuqhom.*

*"5) Jidher illi l-accertamenti tal-inkjesta magisterjali kienu accettati <u>ghal dak li jirrapprezentaw</u> ghaliex wara l-presentata tal-istess, ghall-fini u effetti tal-procediment tal-lum, l-ebda parti ma talbet li taghmel domandi sabiex tikseb prova ulterjuri: la mill-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti; u lanqas minn dawk ix-xhieda li ddeponew fl-inkjesta u li ma xehdux fil-kawza tallum.*

*"6) Il-Qorti sejra tirreferi ghal dak mistqarr mill-kaptan tal-bastiment konvenut, u cioe` il-protagonista. Skond id-deskrizzjoni tal-akkadut hekk kif moghtija mill-kaptan Brech, ighid illi huwa kien fuq il-bridge tal-vapur flimkien zewg membri ohra tal-ekwipagg. <u>Mhux kontradett</u>. Ighid illi ra zewgt idwal biss. Hasibhom id-dwal ta` fishing line; ghalhekk iddecieda li jghaddi minn bejniethom. Wara li sehh l-incident, irrizulta li fir-realta` dawk ma kienux id-dwal ta` fishing line izda l-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici.*

*"7) Jirrizulta li l-bastiment konvenut dahal minn hdejn il-gagga nru 7 tal-qasam tal-hut tas-socjeta` attrici, u nqabbad mal-hbula tal-ewwel baga. L-iskruna kienet mwahhla mal-hbula. Skond il-kaptan, ma setghux jolqtu xi gagga.*

*"8) Ix-xhud Carmel Vella jghid illi l-hsarat li kien hemm fuq it-tubu tal-plastic tal-gagga nru 5 ma setghux gew ikkawzati minn vapur zghir bhalma huwa l-vapur konvenut. Il-kaptan Grech jixhed illi ladarba l-kaptan Becht ra zewgt idwal biss huwa ghamel tajjeb li assuma li dik kienet fishing line u tajjeb li ghadda minn bejniethom. Il-vapuri li kienu ghassa ma` l-qasam tal-hut kellhom mezzi kif jissenjalaw li hemm perikolu, u meta ndunaw li bir-radju VHF ma kienux qed jikkomunikaw mal-vapur konvenut kien messhom ghamlu uzu minn mezzi ta` senjalazzjoni alternattivi. Skond il-kaptan Grech, il-vapur konvenut ma dahalx minn hdejn gaggeg nru 10 u nru 9 kif issuggeriet is-socjeta` attrici. Skond l-Ing Cardona, il-vapur ma dahalx mit-tramuntana. Qal ukoll li minhabba l-kondizzjonijiet tat-temp kien impossibbli ghall-vapur konvenut illi jara d-dwal fuq il-gaggeg.*

*"9) Dwar id-daqs tal-vapur konvenut, jirrizulta mill-preponderanza tal-provi li si trattava ta` bastiment zghir. Kif xehed il-kaptan Chappell, b`dan it-tip ta` bastiment, wiehed ma jistax jara fit-tul u sostna li minghajr radar reflectors, ikun difficli li jara l-fish farm jekk ikun hemm maltemp.*

*"10) Milli xehdu l-kaptan Becht u l-Ing Cardona, meta gara l-incident, il-bahar kien forza 5 b`mewg gholi bejn tnejn (2) u tliet (3) metri kif ukoll b`imbatt ta` bejn tnejn (2) u tnejn punt hamsa (2.5) metri.*

*"11) <u>Dwar il-karti nawtici u cioe` ic-charts</u>, il-Qorti tirrileva li kienet esebita <u>chart 194</u> (Dok MC1): jidher mid-data li hemm fuq wara li din*

*hija datata 29 ta` Mejju 2007, ghalhekk wara l-incident. F`din ic-chart iz-zona tal-akkwakultura hija markata ghalkemm il-qasam tal-hut mhuwiex. F`din ic-chart jinghad illi:– "Marine Farms may exist within the area of this chart. They may not all be shown individually and their positions may change frequently. Marine farms may be marked by unlit or lit buoys or beacons. Mariners are advised to avoid these structures and their associated moorings and to monitor Radio Navigational Warnings." Kienet esebita chart 2123 (Dok AF1) : oltre l-fatt li anke f`din ic-chart hemm l-avviz li ccitat, minn dak li setghet tara l-Qorti z-zona ta` akkwakultura hija mmarkata. Chart 176 (Dok AF2) kienet ipprezentata wkoll: din ic-chart la tinkludi l-avviz dwar il-possibilita li jkun hemm xi qasam tal-hut, lanqas ma hija markata xi zona tal-akkwakultura hdejn Malta. Inoltre din ic-chart ma taghti l-ebda dettalji dwar Malta.*

*"12) Tosserva li l-Avviz lill-Bahhara 6/2006 datat 16 ta` Marzu 2006 (Dok AG7 – fol 213) jistabilixxi z-zona tal-akkwakultura. Ighid: "In view of the above, mariners are warned that they may encounter tuna cages within the area `A, B, C and D` after 1 April 2006." L-Avviz jemenda c-charts BA 194 u 2538, kif ukoll 2123 u 2124. L-Avviz 6/2006 kien ippubblikat fl-Avvizi tal-Ammiraljat fil-20 ta` April 2006. Fl-inkjesta magisterjali kien stabbilit illi ghalkemm iz-zona tal-akkwakultura kienet ufficjalizzata bl-Avviz lill-Bahhara 6/2006, sal-10 ta` Lulju 2006 ma kienu tqeghdu l-ebda marki, sinjali jew dwal madwar il-gaggeg. Bl-Avviz lill-Bahhara 29/2006, tqeghdu sitt (6) "special marker buoys" sofor sabiex jigi ndikat l-posizzjoni tal-gaggeg. Jidher evidenti li bosta mic-charts ma kienux aggornati; b`hekk wiehed seta` facilment ma jkunx jaf b`mod ezatt fejn kienu sitwati l-gaggeg. L-espert marittimu fl-inkjesta esprima ruhu fis-sens illi kien ikun ahjar li kieku l-kaptan Becht uza chart 194 jew 2358.*

*"13) Tkompli tirrileva dwar l-uzu tac-charts li l-kaptan Brech xehed illi ghall-bidu kien qed juza chart BA 2123 u li wara bidel ghal BA 176, li t-tnejn huma small scale charts. Fil-kontroezami huwa jghid illi ex post facto kien forsi ahjar li kieku sar uzu tac-charts BA 2538 u 194 li huma large scale charts. Ghal din il-Qorti din l-affermazzjoni mhijiex prova a priori ta` traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli. Il-kaptan Grech xehed illi l-Avviz 6/2006 ma jigix rifless fic-charts BA 176 u 2123 ghaliex dawn huma ta` skala zghira; l-emenda tigi riflessa biss fil-large scale charts. In kontroezami mbaghad jaccetta l-possibilita li l-kaptan Becht seta` sar jaf dwar dan l-Avviz. Mill-investigazzjoni li ghamel il-kaptan Grech irrizulta li l-Avviz 28/2006, li kien l-avviz li ndika l-fish farm, kien trasmess mill-Ammiraljat Ingliz hafna wara l-incident, u li ghalhekk jista` jkun li c-charts li kellu l-kaptan Bech ma kienux emendati b`dan l-Avviz. Il-kaptan Grech izid illi minhabba li l-vjagg tal-MV Coral Water kien minn Porto Torres ghal Tuzla, il-kaptan ma kellux bzonn juza c-charts 194 u 2538, u cioe` l-large scale charts, izda kien bizzejjed li juza l-176 u 2123 li kienu s-small scale charts. Mill-investigazzjoni li ghamel irrizulta wkoll li bl-Avviz 45/2009 kien hemm avviz li s-sinjali marittimi ta` din z-zona kellhom jitqiesu bhala "unreliable" – riferibbilment ghall-ispecial marker buoys li*

*kienu mal-perimetru taz-zona tal-akkwakultura. Anke l-Ing Cardona jsostni li l-kaptan Becht ma kienx marbut juza l-large scale charts 194 u 2538.*

*"14) Dwar il-gaggeg tat-tonn. Ghall-fini tal-accertament tal-ewwel talba, il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kontestazzjoni netta li ghamlet il-konvenuta dwar l-allegat telf ta` tonn reklamat mis-socjeta` attrici. Sejra tillimita ruhha ghad-dehra tal-gaggeg. Ghandu jinghad illi mill-filmat li ha l-ghaddas Carmel Vella jidher li kien hemm sinjali zghar ta` kuntatt mal-gagga, ghalkemm ma kienx hemm hsara hlief ghal xi sitt (6) hbula li tqacctu. Il-filmat tal-gagga nru 7 juri li x-xibka li tidher mhux biss kellha toqba ta` dimensjoni ta` 10m x 3m izda jidher li kienet xibka mimlija hut mejjet u mcarrta f`diversi partijiet. L-Ing Cardona xehed illi meta mar fis-sit fit-28 ta` Awissu 2006, fuq kull gagga kien hemm tlett (3) bozzoz jigifieri kien hemm wahda kull erbghin (40) metru; fil-fehma tieghu, il-gaggeg ma kienux imdawwlin tajjeb.*

*"15) Dwar il-bagi. Il-Qorti tinnota li mir-ritratti li gew esebiti bhala Dok AF3, fit-tieni ritratt, il-bagi li qeghdin mal-perimetru bil-kemm tista` tarahom; jekk dawn kellhom dawl fuqhom, huwa probabbli li matul dak il-lejl bil-bahar kif kien dak il-hin il-bastiment konvenut ma kienx jinduna bihom. Il-bagi s-sofor li jidhru fir-ritratti huma minghajr dubju bagi minghajr dawl; hekk jidher mis-sitt ritratt. Ghalhekk huwa aktar u aktar improbabbli li l-vapur konvenut seta` jara l-bagi. Skond l-ittra datata 16 ta` Marzu 2006 (Dok AG8 a fol 214) l-Awtorita` Marittima ta` Malta avzat illi z-zona ta` akkwakultura kienet se tigi mmarkata b`sitt (6) special marker buoys: wahda f`kull kantuniera; u wahda fin-nofs tal-perimetru kemm min-naha ta` nofsinhar u kif ukoll mit-tramuntata. Dawn kellu jkollhom dijametru ta` bejn 2.5 sa 3 metri. Dok AG10 juri dizinn ta` kif kellhom ikunu dawn il-bagi. Skond l-IALA recommendation (a fol 443) jirrizulta illi: "when an aquaculture farm/s is considered to represent a danger to navigation, it should be marked in accordance with the IALA Maritime Buoyage System, special markers, lateral or cardinal marks or a combination thereof…" Giovanni Capitta xehed illi kien hemm dwal mixghulin matul l-lejl madwar il-fish farm kollu, minbarra l-bagi li hemm madwar il-perimetru taz-zona. Il-kaptan Chappell qal li d-dawl jahdem bil-batterija. Il-kaptan Degabriele xehed illi hemm dwal fuq il-bagi ghalkemm kien hemm numru ta` problemi. It-tip ta` baga hija special marker buoy. Minhabba d-daqs ta` dawn il-bagi, jekk ikun hemm imbatt qawwi, il-baga u d-dawl jitghattew u ma jkunux jidhru. Dr Gruppetta xehed illi dawn id-dwal mhux kontrollati regolarment u ma hemmx log ta` meta ssir l-manutensjoni taghhom. Peter Paul Spiteri stqarr illi hemm tmien (8) bagi madwar il-fish farm li b`kollox ikollhom madwar 16 jew 18 –il bozza. Id-dawl jahdem bl-energija solari u meta bozza minnhom tmur, ikun hemm ohra li ddur warajha. Il-kaptan Becht xehed illi kien wara l-incident li nduna li z-zewg dwal li ra kienu dwal li kienu mwahhlin ma` gaggeg ; u nsista li ma rax bagi malperimetru ta` z-zona. Il-kaptan Grech jghid li minhabba l-kondizzjonijiet tal-bahar huwa probabbli li mill-bastiment konvenut ma setghux jaraw il-bagi. Dawl fuq stainless steel poles mhuwiex dawl adegwat ghal sitwazzjoni ta` dik ix-*

*xorta. L-special marker buoys li jintuzaw sabiex jimmarkaw il-perimetru taz-zona tal-akkwakultura ma kienux adegwati u allura ma kellhomx utilita`. Meta l-qorti tfittex sintesi ta` dawn il-fatti u cirkostanzi, tasal biex tikkonkludi li minhabba l-kondizzjoni tal-bahar konsegwenza tal-kondizzjoni tat-temp huwa probabbli l-bagi mal-perimetru ma kienux jidhru u mhux ghaliex kien hemm xi nuqqas ta` proper lookout da parti tal-bastiment konvenut. Irrizulta wara l-akkadut li z-zewgt idwal li ra l-kaptan qabel l-incident kienu ta` gagga.*

*"16) <u>Dwar ir-radar reflectors</u>. Il-kaptan Chappell fisser illi dawn ghandhom ikunu fil-gholi sabiex jirritorna l-echo tar-radar. Il-kaptan Degabriele jixhed illi ma jistax jghid jekk r-radar refelctors kienux imqabbdin tajjeb. Peter Paul Spiteri jghid li kien hemm tmienja (8) fuq kull gagga. Il-kaptan Becht jghid illi huwa ma ra l-ebda echoes ta` radar reflectors fuq ir-radar tal-bastiment tieghu; kif ukoll illi ma ra l-ebda radar reflectors, la madwar il-fish farm u lanqas fuq il-gaggeg. Meta ra r-ritratti li allegatament juru radar reflectors huwa spjega li dawk huma zghar wisq. Skond Roberto Bregazzi ma kienx hemm radar reflectors. Il-kaptan Grech jispjega li radar reflectors ma jistghu qatt ikunu fuq lasti. L-Ing Cardona stqarr illi hlief dawk mal-perimetru, ma kien hemm l-ebda radar reflectors mal-gaggeg.*

*"Huwa l-attur li jistabilixxi l-parametri tal-azzjoni. U l-konvenut jiddefendi ruhu kontra l-azzjoni kif proposta mill-attur. Issa fil-kaz tallum, is-socjeta` attrici ma marritx ghal semplici azzjoni ghal danni naxxenti minn culpa aquiliana skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili. Ghazla taghha s-socjeta` attrici marret ghal azzjoni fejn imputat lill-bastiment konvenut mhux culpa aquiliana semplici izda marret ghal grad aktar oghli ta` responsabilita` u cioe` dak ta` traskuragni grossa u fl-istess hin konsapevoli li incident bhal dan kien wisq probabbli u dan sabiex tittenta tikseb il-milja tal-pretensjoni taghha in linea ta` danni.*

*"Kemm jekk l-azzjoni attrici kienet dik ta` culpa aquiliana semplici, kif ukoll jekk hija kif inhi din tal-lum, l-oneru tal-prova tar-responsabilita` tal-bastiment konvenut jispetta lis-socjeta` attrici. Dan ghaliex huwa principju fondamentali tal-ligi rikonoxxjut bl-Art 561 tal-Kap 12 illi l-obbligu tal-prova ta` l-fatt imiss dejjem lil min jaghmel l-allegazzjoni ta` dak il-fatt. Kwindi l-oneru tal-prova huwa mixhut fuq l-attur: onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

*"Aktar kmieni l-Qorti ghamlet gabra tal-osservazzjonijiet taghha. Qieset b`reqqa l-assjem tal-provi skond il-kejl tal-bilanc ta` l-probabilitajiet. Il-konkluzjoni konsiderata ta` din il-Qorti hija li s-socjeta` attrici ma rnexxielhiex tipprova l-ewwel talba kif dedotta sal-grad rikjest mil-ligi. Filwaqt li tirreferi u ssostni l-osservazzjonijiet taghha, din il-Qorti tghid:-*

*"a) Illi ghalkemm is-socjeta` attrici ghamlet kull sforz sabiex tittenta tattakka l-kredibilita` u allura l-attendibilita` tal-esperti ex parte tal-bastiment konvenut, it-tentattiv taghha ma kienx konvincenti; ma kienx bizzejjed sabiex inissel fil-Qorti s-serenita` li dak mistqarr minnhom ma*

> *setax ikun affidabbli; lanqas ma kien bizzejjed sabiex igib fiha c-certezza morali mill-verosimiljanza tat-tesi attrici.*
>
> *"b) Illi l-provi jiskolpaw lill-bastiment konvenut u lill-epwipagg tieghu in primis mhux biss mir-responsabilita` kwalifikata li hija l-bazi tal-ewwel talba izda anke mir-responsabilita` ta` bonus paterfamilias ghaliex fil-kaz tal-lum irrizulta li l-incident ma kienx kagun ta` nuqqas ta` proper lookout da parti tal-bastiment konvenut izda sehh minhabba serje ta` cirkostanzi kontingenti u konkomitanti mhux imputabbli ghal nuqqas tal-bastiment konvenut; ewlenija fost dawn ic-cirkostanzi kien hemm id-dwal u r-radar reflectors inadegwati li spiccaw ineffikaci biex jiskansaw l-incident meta minhabba r-rih, tqawwa l-bahar u anke l-imbatt.'*

7. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> s-soċjeta` appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti waslet għal konklużjonijiet żbaljati dwar l-użu tal-karti nawtiċi (*navigational charts*) u l-Avviżi Nawtiċi (*Notice to Mariners*). Tgħid li dwar it-traskuraġni grossa li hija tattribwixxi lill-kaptan tal-bastiment konvenut, Hans Becht, hija ppreżentat żewġ tipi ta' karti nawtiċi, ossija, '*chart BA 194 u BA2538'* li huma tip *large scale*[26] u '*chart BA 176 u BA 2123'* li huwa tip *small scale.*[27] Tisħaq li l-kaptan innifsu, filwaqt li kkonferma li huwa straħ fuq dawn tal-aħħar, in kontro-eżami wieġeb li '*it would be wiser'* kieku uża *chart BA 194 u BA2538*. Tikkontendi għalhekk li l-ewwel Qorti ma kellha qatt tistrieħ fuq ix-xhieda taż-żewġ esperti *ex parte,* il-kaptan Mario Grech u l-inġinier Paul Cardona, li kkonkludew li l-kaptan tal-bastiment ma kellux għalfejn juża l-*large scale charts* iżda kien suffiċjenti li juża s-*small scale charts* li fil-fatt uża. <u>Minflok tirreferi għal dak li xehed il-kaptan Mark Chapell li spjega kif kaptan ta' bastiment għandu jippjana l-vjaġġ tiegħu u tinsisti li l-kaptan Erik Becht m'għamilx</u>

[26] Tara żona żgħira fil-viċin.
[27] Tara żona kbira mill-bogħod.

*appraisal* adegwat meta għamel il-*passage plan*. Tilmenta li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti toħloq preċedent serju u perikoluż li jmur kontra n-navigazzjoni responsabbli u kontra r-regolament 27 tas-*Safety of Life at Sea Regulations* li jridu li '*nautical charts and nautical publications, such as sailing directions, lists of lights, notices to mariners, tide tables and all other nautical publications necessary for the intended voyage, shall be adequate and up to date.'* F'dan il-kuntest tirreferi wkoll għar-rakkomandazzjonijiet li tagħmel il-*United Kingdom Hydrographic Office* fis-sit elettroniku u fil-*handbook* tagħha. Tisħaq finalment li l-karti nawtiċi għandhom f'kull każ jinqraw fid-dawl tal-avviżi nawtiċi b'dan illi wkoll kieku l-kaptan Becht kellu karti nawtiċi *large scale* mhux aġġornati (li ma kienx il-każ) xorta waħda kellu l-obbligu li jagħti każ l-avviżi nawtiċi 6/2006 u 28/2006, u jipplottja fuq iċ-*charts*. Dan kif ikkonfermat mill-kaptan Reuben Lanfranco fl-inkjesta. Skont l-appellanti dan ifisser li l-kaptan Becht kien qiegħed jinnaviga fl-għama fl-ibħra Maltin u għalhekk responsabbli għal negliġenza grossa.

8. Fil-proċess hemm taċ-*chart* 2123 a fol. 176 tindika li hemm żona ta' akwakultura fuq in-naħa tax-xellug ta' *Hurd Bank.* Madanakollu, din iċ-*chart* tinsab aġġornata bl-avviżi tal-Ammiraljat sal-2009 u għalhekk żgur ma kinitx il-kopja li kellu l-kaptan Becht dakinhar tal-inċident u li seħħ fis-27 ta' Awwissu 2006. Fiha hemm referenza għan-notice to Mariners 1819 pubblikat fl-*Admiralty Notice to Mariners* (Weekly Edition 16 tal-20

ta' April 2006) u li fih hemm referenza għat-tibdil fiċ-*charts* 194, 2123 u 2538. Għal dak li għandu x'jaqsam Malta ma tinkludix in-nofsinhar ta' Malta u għalhekk ma tidhirx il-*bunkering zone* 4 f'Marsaxlokk. Għalhekk huwa minnu li l-kaptan Becht ma setax ikompli juża *chart* 2123 wara li ġie nfurmat li l-bunkering ser isir f'żona 4 viċin Marsaxlokk.

9. L-uniku *chart* li kien hemm abbord il-bastiment fir-rigward taż-żona fejn kellu jsir il-*bunkering* kienet *chart* 176. Tkopri l-baħar tal-Mediterran fejn Malta tidher biss fuq skala żgħira ħafna b'dan illi hija nieqsa mid-dettall li jinsab fiċ-*chart* numru 194,[28] liema *chart* hi *large scale* u tiffokka fuq il-gżejjer Maltin. Bla dubju kif qal l-istess kaptan waqt il-kontro-eżami, kien ikun aktar għaqli kieku abbord kien hemm chart 194 ġialadarba l-bastiment kien qed ibaħħar daqshekk viċin il-kosta ta' Malta.[29] Iżda l-ewwel Qorti qalet[30] illi '*din l-affermazzjoni m'hijiex prova a priori ta' traskuraġni grossa u fl-istess ħin konsapevoli li inċident bħal dan kien wisq probabbli'* u tirreferi għall-fatt illi kemm il-kaptan Grech kif ukoll l-ing. Cardona sostnew li l-kaptan Becht ma kienx marbut juża *large scale charts* 194 u 2538.

10. Il-fatt waħdu li abbord ma kienx hemm *chart* 194 ma jwassalx lill-Qorti biex tikkonkludi li kien hemm negliġenza grossolana. Jidher li l-

[28] Fol. 140.
[29] Fol. 342.
[30] Vide para 13 tal-konsiderazzonijiet elenkati aktar 'il fuq.

vjaġġ lejn Malta ġie ppjanat fuq *chart* 2123. Fir-rapport li għamel il-kaptan Reuben Lanfranco jingħad li l-kaptan Becht kien semma li kien *".... ħaseb li l-bunkers kien ħa jeħodhom fil-Port il-Kbir"*.[31] Fl-affidavit li għamel u li ġie ppreżentat f'din il-kawża ma qal xejn dwar dan. M'hemm l-ebda spjegazzjoni kif il-kaptan ikkonkluda li l-*bunkering* ser isir fil-Port il-Kbir. Fatt li lanqas biss semmieh fl-affidavit. Min-naħa l-oħra hemm prova li kien biss meta l-bastiment wasal f'Malta li l-Valletta Port Control infurmah sabiex jikkomunika mal-*bunker barge*, li minn hemm infurmawh li l-*bunkering* ser isir f'żona 4 in-naħa ta' Marsaxlokk. Skont l-Inginier Paul Cardona:

> *'when a vessel comes to Malta for bunkering it is given the coordinates where to proceed for bunkering on arrival at the Pilot station.'*[32]

11. Il-kaptan Mario Grech spjega li NTM 6/2006 jistabbilixxi ż-żona tal-*fish farm*, filwaqt li NTM 28/2006 jistabbilixxi *"navigational marks laid to mark the fish farm"*. M'hemmx prova li l-bastiment konvenut prinċipalment ibaħħar f'Malta u l-istess jgħodd għall-kaptan Becht. Inoltre, m'hemmx provi li fil-ġurnata meta seħħ l-inċident, *charts* 194 u 2538 kienu aġġornati mill-British Admiralty sabiex juru ż-żona ta' akwakultura fejn seħħ l-inċident. Anzi per eżempju fil-każ ta' chart 2538 irriżulta li kien biss f'Awwissu 2008 (l-inċident seħħ f'Awwissu 2006) li ġiet aġġornata sabiex tirrifleti n-Notice to Mariners 28 tal-2006. Fatt

[31] Fol. 628.
[32] Fol. 480.

konfermat mill-kaptan Mario Grech li qal li għamel riċerka. Wieħed jista' jargumenta li l-preżenza ta' chart 2538 abbord il-bastiment dakinhar tal-inċident ma kinitx tagħmel differenza għaliex kienet għadha ma ġietx emendata mill-Awtorita` internazzjonali responsabbli. Kif osservat ukoll l-ewwel Qorti, fir-rigward ta' *chart* 194 (*Admiralty charts and publications*), id-data stampata fuq wara tad-dokument preżentat fl-atti hi 29 ta' Mejju 2007, ċioe` xhur wara li seħħ l-inċident. Għalhekk kieku abbord kien hemm *charts* 194 u 2538, evidenti li ma kinux ser ikunu dawk aġġornati li juru dak pubblikat fin-Notice to Mariners 6 u 28 tal-2006. Madankollu, il-preżenza ta' dawk ic-*charts* abbord il-bastiment għalkemm mhux dawk emendati setgħu kienu ta' għajnuna għall-kaptan Becht minħabba li jagħtu iktar dettall tal-kosta Maltija peress li huma *large scale*. Dan meta tqis dak li ser jingħad iktar 'il quddiem f'din is-sentenza dwar NTM 6 tal-2006.

12. L-attriċi għamlet referenza għal dak li xehed il-kaptan Grech dwar Notice to Mariners 6 tal-2006, fis-sens li *".... the navigational information contained in MMA's NTM 6/2006 was issued as BA (British Admiralty) NTM No. 1819 on the 20th April 2016, i.e. some 5 weeks after it was issued by the MMA"*. Pero` dak it-tagħrif ma kienx jikkonsisti f'*chart* 194 emendata u li tkun turi dak pubblikat f'NTM 6 tal-2006. Li ppubblikat il-British Admiralty fl-20 ta' April 2016 kienet sempliċi referenza ta' *Notice*

*to Mariners* li tiġi pubblikata kull ġimgħa b'referenza għan-numru ta' *charts* (ara Dok. MG3 a fol. 428 *et seq*).

13. Bl-istess mod il-fatt waħdu li n-Notice to Mariners 28 tal-2006 ħareġ fl-10 ta' Lulju 2006 ma jfissirx li l-kaptan kellu jkun jaf bih, meta tikkonsidra li kien biss meta wasal Malta li sar jaf li l-*bunkering* ser isir f'żona 4. Hu veru li l-kaptan Lanfranco fir-rapport li għamel fl-inkjesta ordnata mill-Maġistrat Inkwirenti, kiteb:

> *"Għalkemm il-fish farms mhumiex indikati fiċ-chart 194, dawn setgħu ġew ipplottjati fuq iċ-chart minn fuq l-Avviż lill-Baħħara numru 28 ta' 2006 bħala għamel is-sottoskritt (f'Red 3) fejn il-fish farms qegħdin indikati b'kulur oranġio u fejn Area 4 qiegħda indikata b'kulur blu. B'hekk il-kaptan tal-MT Coral Water seta' ikun jaf bil-lokazzjoni tal-gaġeġ u kienu jieħu l-passi kollha meħtieġa minn qabel biex jevitahom"*.

14. Madankollu, il-Qorti tosserva li:

i. M'hemm l-ebda prova li qabel beda l-vjaġġ il-kaptan Becht kien infurmat li l-*bunkering* kien ser isir f'bunkering zone 4, Marsaxlokk;

ii. Fuq is-sistema Navtex l-aħħar darba li ngħata avviż ta' NTM 28 tal-2006 kien fil-21 ta' Awwissu 2006. Sa dakinhar il-bastiment konvenut kien għadu ma bediex il-vjaġġ tiegħu lejn Malta;

iii. Fid-data meta seħħ l-inċident ma kienx għadu pubblikat avviż dwar NTM 28 tal-2006, mill-British Admiralty Hydrographic Department fil-pubblikazzjoni Weekly Notice to Mariners;

iv. Il-kaptan u l-bastiment konvenut ma jbaħħrux f'Malta u din kienet l-ewwel żjara tagħhom f'Malta;

v. In-nautical chart BA 2538 emendata li turi ż-żona tal-akwakultura fejn seħħ l-inċident kienet pubblikata f'Awwissu 2008.

15. Ċirkostanzi li jikkonvinċu lill-Qorti li l-kaptan ma kellux ikun mistenni li jipplottja l-*fish farm* tal-attriċi minħabba NTM 28 tal-2006.

16. Pero` mhux l-istess jista' jingħad dwar iż-żona ta' akwakultura stabbilita bin-NTM 6 tal-2006. Fir-rapport tal-kaptan Franco Lanfranco jingħad:

> *"Hawnhekk ta' min isemmi li ċ-chart li kien qed juża Becht waqt li hu kien qieħed jinnaviga lejn Malta kienet il-British Admiralty (BA) Chart No. 2123 Capo Granitola to Capo Passero annessa ma' dan id-dokument bħala Red 1 u li fiha hemm indikat l-fish farms bis-simbolu ta' ħuta ġo gaġġa (immarkata bl-isfar)".*

17. Prova li ma ġietx kontradetta. Lanqas ma jirriżulta li l-Kaptan Becht ippreżenta kopja ta' *charts* 2123 u 176 li kien hemm fuq il-bastiment, u dak li ddikjara l-kaptan Lanfranco hi l-uniku prova dwar liema

*chart* 2123 kien hemm abbord il-bastiment meta seħħ l-inċident. Prova li hi korraborata mill-kaptan Becht stess li in kontro-eżami xehed:

> *'**The Court:** In the charts which you consulted relating to Maltese Waters did you have these fish farms registered on your charts, did they result in your charts or not?*
>
> *"**Witness:** There was no fish farm on the BA Chart 176.*
>
> *"**The Court**: On the ones that you consulted there wasn't this fish farm, that is what you are saying.*
>
> *"**Witness:** <u>Not on 176 but there is one indicated on 2123.</u>*
>
> *"**The Court:** But not on the one you had yourself.*
>
> *"**Witness:** We had also 2123 but it was not indicated on 176 which we used during that evening.'*[33]

18. Id-dokument Red 1 a fol. 642 hu kopja ta' chart 2123 bid-data tat-2 ta' Ġunju 2006. Fuq id-dokument hemm stampat iż-żona ta' akwakultura li ġiet introdotta bl-NTM 6 tal-2006 (ara Admiralty Notice to Mariners pubblikat fl-20 ta' April 2006 fejn jissemma tibdil għal chart 194, 2123, u 2538) kif tajjeb osservat l-kaptan Lanfranco. Żona li skont il-kaptan Mario Grech ma tistax tidħol fiha.[34] Mela skont chart 2123, li kien qiegħed juża l-kaptan Becht, iż-żona ta' akwakultura kienet tidher. Kien għalhekk magħruf għall-kaptan Becht li f'dik l-area kien hemm żona ta' akwakultura.

[33] Fol. 343.
[34] Kontro-eżami, fol. 778.

19. L-espert ex parte l-inġinier Paul Cardona fir-rapport kiteb, *"This vessel had completed the bunkering operation and the Master had marked the way points to proceed on his voyage to the next port. He was using Chart 176 which unfortunately did no show the Aquaculture Zone"*.[35] Għalkemm il-kaptan kien qiegħed jagħmel użu minn chart 176 għaliex il-*bunkering* kellu jsir f'żona li ma tidhirx f'*chart* 2123, jibqa' l-fatt li ż-żona ta' akwakultura kienet tidher fiċ-*chart* 2123. Għalhekk *chart* 2123 li kien hemm fuq il-bastiment kienet aġġornata. Għaldaqstant, qabel il-bastiment telaq mill-*bunkering zone* 4 il-kaptan kellu jerġa' jirreferi għal *chart* 2123 u jkun ċert li jippjana l-ħruġ b'mod li l-bastiment ma jispiċċax fiż-żona ta' akwakultura. Ħaġa li evidentement m'għamilx. F'każ li mbagħad iċ-*chart* 2123 li kellu disponibbli ma kinitx biżżejjed sabiex jiddetermina bl-eżatt il-kobor taż-żona ta' akwakultura, għaliex skont l-inġinier Cardona ma turix *"the exact co-ordinates of the Aquaculture zone"*,[36] kellu jew jibdel ir-rotta u jżomm ferm 'il bogħod minn dik iż-żona jew jitlob għall-assistenza lill-awtoritajiet tal-port. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra li kien il-maltemp, dlam ċappa u l-viżwali minn fuq il-bastiment ma kienet tajba xejn. Il-kaptan Chapell[37] stess xehed dwar id-daqs tal-bastiment MT *Coral Water* u n-nuqqas ta' viżibilita` fit-tul minn fuq dak it-tip ta' bastiment, ta' 1895-il tunnellata u tul ta' madwar 90 metru.[38] Fatturi

[35] Fol. 480.
[36] Fol. 480.
[37] Fol. 110.
[38] Fol. 25. Kaptan Lanfranco għamel aċċess personalment fuq il-bastiment u rrapporta li: *'Is-sottoskritt induna kemm setgħet tkun diffiċli għall-kaptan u dawk li kienu miegħu fuq il-bridge biex jaraw x'hemm quddiem il-vapur meta l-vapur ikun ballast, u għaldaqstant, normalment mgħolli minn quddiem, kif ukoll meta jkun affetwat minn imbatt għoli u baħar imqalleb.'*

li kienu jeżiġu li iktar u iktar il-kaptan u l-crew responsabbli jippreparaw għat-tluq minn Malta b'mod professjonali.

20. Dak kollu li ġara wara kien kollu riżultat tan-nuqqas tal-kaptan li jagħmel il-verifiki u aċċertamenti meħtieġa qabel telaq mill-*bunkering zone* 4 fi triqtu lejn it-Turkija. Dan irrispettivament minn argumenti li għamel il-bastiment li jinkludu li:

i. It-temp fil-lejl tal-inċident kien ikkontribwixxa sostanzjalment għall-inċident;

ii. Iż-żona ta' akwakultura ma messhiex tpoġġiet daqshekk viċin *bunkering żone*;

iii. Iż-żona ta' akwakultura ma kellhiex dwal biżżejjed bħala sinjali biżżejjed għall-bastiment;

iv. Il-fish farm tal-Mare Blu ma kellux *navigational marks* li kienu adattati u radar reflectors;

v. Ir-radar reflectors madwar iż-żona ta' akwakultura, jekk kienu qegħdin jaħdmu, kienu baxxi wisq biex jibagħtu *echo signal* lir-radar tal-bastiment f'baħar imqalleb;

vi. In-nuqqas tal-bastiment Graziella li jagħti pre-avviż lill-bastiment Coral Water li kien dieħel f'żona ta' akwakultura;

21. Il-kaptan Becht kien jaf li hemm żona ta' akwakultura għaliex ippjana il-vjaġġ tiegħu lejn Malta fuq *chart* 2123 li fuqha hemm stampat iż-żona ta' akwakultura li fiha seħħ l-inċident. Jekk ma tax każ jew ma indunax, iktar u iktar hemm responsabbilta`. Hu u ħiereġ miż-żona 4 fejn sar il-*bunkering* żgur li ma kellux jagħmel il-preparamenti għall-vjaġġ 'il barra minn Malta minn fuq *chart* 176 biss. *Chart* li kif rajna ma f'hijiex tagħrif dwar ostakoli li jista' jkun hemm fil-baħar madwar il-kosta ta' Malta. Fil-fehma tal-Qorti dak kien żball kruċjali li wassal biex seħħ inċident li b'diliġenza u professjonalita` seta' ġie evitat. Il-fatt li minn fuq *chart* 2123 il-kaptan Becht qaleb għal fuq chart 176 sabiex, fi kliem il-kaptan Lanfranco sabiex *"jipplottja l-posizzjoni ġdida",* m'hijiex raġuni li tista' tiskolpah.

22. Fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tal-kaptan Lanfranco li kkonkluda:

> *"Madankollu l-kondizzjonijiet meterjoloġiċi ħżiena ta' dik il-ġurnata flimkien ma' l-isfortuna kienu l-kawża prinċipali tal-inċident. Għaldaqstant, bħala konklużjoni, mill-istħarriġ u l-investigazzjoni s-sottoskritt għamel f'dan il-każ, jirriżulta li l-inċident ma' kien wieħed premeditat, imma jidher ċar li kien inċident involontarju li ġie kawżat*

> *mhux min-nuqqas tal-ewkipaġġ tal-MT Coral Water imma minn fatturi li dawn ma kellhomx kontroll fuqhom"*.[39]

23. Mill-konsiderazzjonijiet li saru iktar qabel dan ma kienx każ ta' sfortuna jew kellu x'jaqsam ma' fatturi li l-ekwipaġġ ta' MT Coral Water ma kellux kontroll fuqhom. Kieku qabel telaq minn Malta l-bastiment ippjana l-vjaġġ tal-ħruġ minn Malta kif suppost u ħa in konsiderazzjoni ż-żona ta' akwakultura li tidher fiċ-chart 2123, l-inċident ma kellux iseħħ. Hu veru li l-*fish farm* tal-appellanti ma kienx immarkat fuq in-*navigational charts* li uża l-kaptan u li ma kienx hemm tagħrif dwar l-estensjoni taż-żona ta' akwakultura. Madankollu jibqa' l-fatt li ż-żona ta' akwakultura kienet murija fuq chart 2123 li kien hemm abbord il-bastiment. Tagħrif li fih innifsu kellu jwassal sabiex il-bastiment jieħu l-prekawzjonijiet li kien hemm bżonn sabiex jevita dak li fil-fatt ġara.

24. Il-kaptan Lanfranco m'għamel ebda konsiderazzjoni dwar il-fatt li hu stess aċċenna għalih fir-rapport, ċioe` li ċ-*chart* 2123 li uża l-kaptan Becht kellha mmarkata fuqha ż-żona ta' akwakultura fejn seħħ l-inċident. Ma ngħatat l-ebda raġuni min-naħa tiegħu u wkoll min-naħa tal-bastiment konvenut biex jiġġustifika n-nuqqas evidenti tal-ekwipaġġ li jikkonsulta wkoll ma' chart 2123 għal-vjaġġ ta' tluq tal-bastiment minn Malta.

[39] Fol. 636.

25. Għal dak li jirrigwarda l-affidavit tal-kaptan Mario Grech mill-indaġni li għamel ikkonkluda:

> *"I. NAVTEX warning of Notice to Mariners 28/2006 indicating the position of the fish farm ceased being transmitted well before the vessel even left Porto Torres and therefore well before the incident happened.*
>
> *"II. the same Notice to Mariners 28/2006 was only issued by the British Admiralty in week 29 of 2007 – one year following the incident. The same Notice to Mariners 28/2006 was updated on Chart number BA 2538 in August 2008.*
>
> *"III. Thus even if the Master on leaving Porto Torres had charts 194 and BA 2538 these charts as of August 2006 would not have indicated the exact position of the fish farms.*
>
> *"IV. The fact that there was no evidence to prove that the lights on the marker buoys indicating the aquaculture zone were operating efficiently at the time of the incident.*
>
> *"V. The fact that the Fish Farm, which is in fact a danger to surface navigation was being marked by Special Marks Buoys, which buoys do not indicate which side of the light a ship may safely pass.*
>
> *"VI. The radar reflectors contained in the special marker buoys had very little effect in the prevailing weather conditions on that night.*
>
> *"VII. Failure by the fish farm operator to keep an appropriate watch and to alert the vessel of the imminent danger by all available means including light such as aldis lamp or flashing a searchlight.*
>
> *"VIII. The poor choice of location of the fish farm so close to a bunkering zone coupled with the inappropriate markings.*
>
> *"IX. There appears to be a recognition of the unreliability of the navigational marks surrounding the aquaculture zone to the extent that the Malta Maritime Authority deemed it necessary to issue Notice to Mariners 45 of 2009 warning mariners that the Navigational Aids for this aquaculture zone are 'unreliable'".*

26. L-argumenti li għamel il-kaptan Grech huma validi. Pero` hu evidenti li ma kkonsidrax chart 2123 li kien hemm abbord il-bastiment Coral Water u li fuqha hemm indikat iż-żona ta' akwakultura bis-simbolu

ta' ħuta ġo gaġġa. Il-kaptan Mario Grech irrefera għal Notice to Mariners 6 tal-2006 u qal, *"Such a Notice to Mariners would not effect charts BA176 or BA 2123 due to their smaller scale but would appear for charts BA 194 and BA 2538"*.[40] Madankollu chart 2123 li kien hemm abbord il-bastiment kienet turi ż-żona ta' akwakutura li hemm referenza għaliha f'NTM 6 tal-2006. Fil-fatt l-Admiralty Notice to Mariners stess pubblikat fl-20 ta' April 2006 jipprovdi tibdil f'chart 2123 bil-kelma "Insert" u s-simbolu ta' ħuta f'gaġġa u l-*coordinates* fuq *nautical chart* 2123.

27. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tistax tibbaża d-deċiżjoni fuq ir-raġunament tal-perit Grech ġialadarba rriżulta li l-kaptan naqas milli jikkonsidra tagħrif importanti li kien hemm f'chart *2123*. Il-kaptan Becht jgħid li fil-lejl tal-inċident ra biss dwal żgħar u għadda bejniethom '*aiming for the darkest part'* għaliex ħasibhom *'lights marking floats of a fishing line'.* Din ix-xhieda ġiet korraborata minn żewġ membri oħra tal-ekwipaġġ tal-bastiment appellat li flimkien mal-kaptan Becht kienu qed iżommu *lookout* minn fuq il-*bridge* tal-MT Coral Water. Kieku l-kaptan ikkonsidra t-tagħrif li kien hemm fuq chart 2123, kellu jinduna li ż-żewġt idwal kellhom x'jaqsmu maż-żona ta' akwakultura u mhux ma *'fishing line'*.

---

[40] Fol. 417.

28. Il-Qorti tosserva wkoll li b'referenza għal dak li jirriżulta miċ-chart 2123 li kien hemm abbord il-bastiment Coral Water,[41] l-appellata ma qalet xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti mod ieħor.

29. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravju ser jintlaqa' u s-sentenza tal-ewwel Qorti ser tiġi revokata ġialadarba l-inċident seħħ minħabba negliġenza grossolana tal-konvenut.

30. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-attriċi tilmenta illi l-kopja tal-proċess verbal tal-inkjesta ma ġietx eżebita skont l-Artikolu 637(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

> *'(5) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali ma tistax tintalab l-esibizzjoni ta' proċessi verbali, atti ta' kompilazzjoni, jew dokumenti oħra dwar affarijiet kriminali, jekk il-proċess verbal, atti ta' kompilazzjoni, jew dokument ma jkunux iddepożitati fir-reġistru.'*

31. L-appellanti tilmenta li f'dan il-każ il-*proces verbal* ma ġiex depożitat fir-reġistru tal-qorti u għalhekk ix-xhieda li nstemgħu fl-inkjesta ma setgħux jiġu meqjusa bħala xhieda f'dawn il-proċeduri għax ma ġewx ippreżentati mir-reġistratur. Issostni wkoll illi l-konklużjonijiet fl-inkjesta m'humiex prova għall-finijiet ta' din il-kawża in kwantu f'kull każ il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili u għalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuqhom. Tgħid ukoll li l-fatt li ma sarux kontro-eżamijiet tax-xhieda li ddeponew fl-inkjesta ma jfissirx li hija

[41] Fol. 642.

aċċettathom. L-appellanti tirreferi mbagħad għax-xhieda minnha prodotti in sostenn tat-teżi tagħha u tgħid li fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ndikat diversi elementi tal-inkjesta li fil-fehma tagħha ma kinux korretti jew preċiżi li setgħu wasslu għal konklużjonijiet żbaljati, fosthom li ma saret l-ebda referenza għal *notice to mariners* numru 6/2006.

32. Kif tajjeb rilevat mill-appellata,[42] l-Artikolu 637 tal-Kap. 12 jirreferi għal *actio ad exhibendum,* ossija talba sabiex jiġi eżebit dokument fil-pussess ta' terz jew tal-parti l-oħra. Speċifikament dwar atti u dokumenti ta' Qorti ta' ġustizzja kriminali, li huma kunfidenzjali, l-Artikolu 637(5) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-eżibizzjoni ta' tali dokumenti ma tistax tintalab f'każ li dawk id-dokumenti ma jkunux ġew depożitati fir-reġistru.

33. F'dan il-każ l-appellata ma għamlet l-ebda talba f'dak is-sens. Minflok kisbet kopja tal-*proces verbal* mingħand l-Avukat Ġenerali u fis-seduta tas-7 ta' Frar 2011[43] ippreżentat kopja tal-istess (ara fol. 616 *et seq*). F'dik is-seduta kienu preżenti d-difensuri taż-żewġ partijiet. Madanakollu ma ġiet reġistrata l-ebda oġġezzjoni għall-preżentata ta' dawk l-atti, la f'dik l-udjenza u wisq inqas f'xi stadju wara. Evidenti li f'dak l-istadju l-attriċi m'oġġezzjonatx għall-preżentata tal-proċess verbal bħala prova.

---

[42] Fol. 1200.
[43] Fol. 413.

34. Ladarba l-*proces verbal* jinsab in atti, l-ewwel Qorti mhux biss kellha s-setgħa iżda d-dover li tikkonsidrah, kemm għal finijiet tal-provi u relazzjonijiet miġbura, kif ukoll in kwantu għall-konklużjoni raġġunta. Dan ovvjament fil-qafas tal-kumplament tal-provi miġbura quddiemha fil-kawża odjerna.

35. Fil-fatt, il-Qorti tal-ewwel grad hekk għamlet billi filwaqt li kkonsidrat li l-ebda parti ma talbet li tagħmel domandi sabiex tikseb prova ulterjuri, la mill-esperti nominati mill-Maġistrat Inkwirenti u lanqas minn dawk ix-xhieda li ddeponew fl-inkjesta u li ma xehdux fil-kawża odjerna, ma waqfitx hemm iżda għaddiet biex tikkonsidra wkoll il-provi l-oħra kollha li nġabru tul il-kors tal-kawża.

36. Dan l-aggravju hu miċħud.

37. Peress li ser jintlaqa' l-ewwel aggravju m'hemmx ħtieġa li l-qorti tikkonsidra t-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' aggravji. Jifdal għalhekk it-<u>tmien aggravju</u> permezz ta' liema l-appellanti tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-appellata u għalhekk ma ħaditx konjizzjoni tat-talba għal-likwidazzjoni tad-danni. F'dan ir-rigward issir referenza għall-Art. 233 tal-Kap. 12 u f'kull każ il-kawża ilha issa pendenti sa mis-sena 2006 u kull parti għamlet l-argumenti tagħha dwar dik il-parti tal-kwistjoni.

38. L-appellanti tirreferi għall-affidavit ta' Giovanni Cappitta a fol. 41 sa 52 fejn sostna li meta l-bastiment daħal fil-qasam tal-ħut tagħha, ikkawża ħsarat fis-somma ta' Lm871,909.80 (€1,961,649.83). Id-danni jikkonsistu primarjament f'allegat telf ta' *blue fin tuna* mill-gaġġa numru sebgħa (7) li qalet li ħarab minn tiċrita fix-xibka kkawżata bl-impatt mal-bastiment appellat. Qal illi meta t-tonn ġie trasferit għal ġol-gaġeġ kien ġie stabbilit li fil-gaġġa numru 7 kien hemm bejn wieħed u ieħor 207,000 kilogrammi tonn. Dan inxtara bil-prezz ta' €5 il-kilo; żdied għal €6.15 kull kilo meta ddaħħal fil-qasam tal-ħut minħabba l-ispejjeż relatati sabiex jitwassal fl-ibħra Maltin; u sa dakinhar tal-inċident żdied għal €9 kull kilo skont il-kalkoli relatati mal-ispiża għall-għalf.

39. L-appellat min-naħa l-oħra wieġeb illi l-pretensjoni attriċi hija waħda fittizja u frawdolenti peress li gaġġa numru 7 kienet vojta meta seħħ l-inċident kif qal li jikkonfermaw is-segwenti fatti:-

i. id-dokumenti li pprovdiet l-istess soċjeta` appellanti lil Ing. Cardona, is-soċjeta appellanti xtrat 9,695 ħuta fl-istaġun tat-tonn, biegħet 9,233 ħuta u fil-frattemp mietu 393 ħuta. Dan iħalli bilanċ ta' 49 ħuta li ma setgħu qatt jiżnu 207 tunellata bejniethom;

ii. ix-xhieda ta' Roberto Breghazzi li kkonferma li fis-6 ta' Awwissu 2006 ma kien hemm l-ebda ħut ġol-gaġġa numru 7;

iii. ir-ritratti meħuda mis-*scene of the crime officer* PC 186 l-għada tal-inċident waqt l-inkjesta u tal-kaptan Becht l-għada wkoll fejn jidher li l-gaġġa numru 7 ma kellha l-ebda *netting* magħha jew xi evidenza li darba kien hemm *netting*;

iv. ix-xhieda tal-*underwater diver* Carmel Vella li eżebixxa filmat tal-gaġeġ meħud minnu fit-30 ta' Awwissu 2006. Huwa kien tal-fehma li xi ħadd rama' *netting* antik u maħmuġ kif ġie ġie mal-gaġġa numru 7, liema *netting* kellu tiċrita fuq in-naħa opposta ta' fejn kien il-bastiment appellat u lanqas biss kellu ċomb biex iżomm l-isfel; u

v. ix-xhieda tal-Ing. Paul Cardona li sostna li kieku veru l-bastiment ċarrat in-*netting* tal-gaġġa, l-ewwel ma kien jikkaġuna ħsarat fir-*rubber tubing* iżda t-*tubing* tal-gaġġa numru 7 ma sofra l-ebda dannu.

40. B'żieda mal-fatti diġa` esposti aktar 'il fuq, ser jissemmew ukoll il-provi <u>pertinenti relatati mal-pretensjoni għad-danni</u>.

41. In linea ġenerali, <u>Giovanni Cappitta</u> xehed illi s-soċjeta` appellanti hija proprjetarja tal-qasam tal-ħut in kwistjoni li jikkonsisti f'għaxar (10)

gaġeġ fejn jitrabba t-tonn tat-tip '*blue fin'.* Tonn li jinbiegħ barra minn Malta. Żewġ (2) gaġeġ minnhom, immarkati bin-numru 2 u 5 fid-dijagramma a fol. 53, għandhom dijametru ta' disgħin (90) metru filwaqt li t-tmien (8) gaġeġ l-oħra enumerati 1, 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 10 għandhom dijametru ta' ħamsin (50) metru. It-tonn li jitqiegħed f'dawn il-gaġeġ jinqabad minn kumpanija estera permezz ta' xbieki li wara jinġibdu lejn il-qasam tal-ħut fl-ibħra Maltin permezz ta' *tug boats* mikrija għal dan il-għan. Minn hemm it-tonn jiġi trasferit għal ġol gaġeġ, liema proċess jiġi ffilmjat mill-għaddasa tal-appellanti li fl-istess ħin jgħoddu l-ħut. Meta l-ħut jitqassam fil-gaġeġ bejn wieħed u ieħor b'mod ugwali, isir il-kalkolu ta' kemm jiżen il-ħut f'kull gaġġa separata billi jinġabar il-ħut li jkun miet fit-traġitt u jintiżen. Il-piż medju ta' dak it-tonn mejjet iservi bħala bażi ta' kalkolu tal-piż tal-ħut ġo kull gaġġa u konsegwentment tal-prezz li jrid jitħallas lis-soċjeta` mingħand min ikun qiegħed jinxtara. Dak it-tonn jibqa' fil-gaġeġ għal diversi xhur qabel ma jinqatel fl-istaġun tal-mattanza li jkun lejn l-aħħar ta' Settembru u jibqa' għaddej tul ix-xhur ta' Ottubru u Novembru. Fil-frattemp kuljum jingħata l-għalf b'ħut tat-tip makarel u sardinella li jinxtara ffriżat minn soċjeta` estera oħra.

42. B'referenza partikolari <u>għall-istaġun tal-2006</u> jirriżulta li s-soċjeta` appellanti ngħatat permess mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent:

> *'to lay anchors and install cages to operate a tuna farm in sub zone C in the North East corner of the approved Acquaculture Zone....*
>
> *"Mare Blu were authorised to commence operations within the 2006 tuna season and introduce their cages with fish on the 19th July 2006.'*[44]

43. Giovanni Cappitta qal ukoll:

i. F'Ġunju tal-istess sena l-appellanti kienet diġa` daħlet fi spejjeż għall-armar tal-gaġeg[45] u ftit wara saret ordni ta' għalf (18,978kg *frozen sardinella*) bil-prezz ta' €14,603.57.[46]

ii. Mill-14 ta' Lulju 2006 il-qasam tal-ħut beda jkun superviżjonat mill-MV Graziella versu l-prezz ta' €3,000 kuljum li kellha wkoll il-funzjoni li titma t-tonn.[47] Rwol li assuma wkoll l-MV Daniela mill-1 ta' Lulju 2006 bl-istess tariffa.[48] Dan apparti *supporting labour*[49] u xogħol ieħor li sar mill-ħaddiema tal-appellanti.[50]

iii. Fl-24 ta' Lulju tal-istess sena, l-attriċi ġiet fatturata għal ordni ta' għalf akbar fis-somma komplessiva ta' €1,058,656.12 rappreżentanti 547,279.9kg *frozen makarel* u 1,023,895kg *frozen sardinella;*[51]

---

[44] Fol. 186.
[45] Fol. 49 u 65 sa 70.
[46] Fattura datata 7 ta' Lulju 2006 a fol. 58.
[47] Fol. 71.
[48] Fol. 73.
[49] Fol. 75 sa 79.
[50] Fol. 80 sa 81.
[51] Fol. 56 u 57.

iv. Fil-25 ta' Lulju 2006 u 31 ta' Lulju 2006, l-appellanti ġiet fatturata minn kumpanija Spanjola għall-kunsinna ta' 1,526,000 kilogramma tonn '*blue fin'* ħaj bil-prezz ta' €5 kull kilo għall-valur komplessiv ta' €7,630,000.[52] Dawn ġew miġbuda għal ġol qasam tal-ħut minn diversi *tug boats* Spanjoli versu l-prezz globali ta' €1,751,131.88;[53]

v. Il-ħut ġew imqassma fil-gaġeġ bin-numru 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 filwaqt li gaġeġ 8, 9 u 10 baqgħu vojta. Sostna li fil-gaġġa numru 7 ġew trasferiti 207 tunnellata tonn[54] li ntilef kollu meta l-bastiment appellat ħabat mal-imsemmija gaġġa.

44. Ma sarx kontro-eżami ta' Giovanni Cappitta.

45. Peter Paul Spiteri, il-kap tal-għaddasa impjegati mal-appellanti, f'dawn il-proċeduri xehed biss dwar l-armar tal-gaġeġ bir-*reflectors*, dwal u bagi.[55] F'seduta miżmuma għall-finijiet tal-inkjesta fis-16 ta' Jannar 2007 mill-espert tekniku Philip Żammit, Peter Paul Spiteri xehed ukoll dwar l-allegati ħsarat:

> *'Fit-28 ta' Awissu 2006, ġejt mgħarraf mis-superjuri tiegħi illi kien hemm vapur li kien għamel xi ħsarat fil-fish farm li hemm 'l barra minn Żonqor Point.*
>
> *"Morna fuq il-post dak il-lejl stess, u cioe fil-lejl bejn is-27 u 28 ta' Awissu 2006, u hemmhekk osservajt vapur imwaħħal mal-grid (ċimi), xi ħbula*

[52] Fol. 54 u 55.
[53] Fol. 48 u 59 sa 64.
[54] Fol. 42 u 53.
[55] Fol. 151 et seq.

*tal-gaġeġ maqtugħin, u waħda mill-gaġeġ kienet maqtuha kompletament u mwaħħla mal-ġenb tal-vapur.*

*"Filgħodu, l-ewwel xogħol għamilna d-dives u osservajt illi l-gaġġa maqtugħa li semmejt aktar 'l fuq kellha tiċrita kbira fix-xibka, u l-ħut (tonn) li kien hemm fiha, ħarab kollu mill-istess tiċrita. It-tiċrita kienet ta' kważi 17-il metru. Sibna xi tiċrit żgħir f' gaġeġ oħra pero' li l-ħut ma ġiex affetwat. Il-ħbula ta' l-installazzjoni ġew affetwati mill-ġibda kbira li għamel il-vapur tant li l-ħbula ta' gaġġa tad-90 metru inqatgħu u l-forma tagħha ġiet sfigurata. Kien hemm ukoll xi ħsara oħra fi ħbula ta' gaġeġ oħrajn. Tqaċċtu wkoll żewġ bagi, li waħda minnhom baqgħet sejra mal-kurrent u ntilfet.*

*"Naf ukoll illi tlifna bejn 3 u 4 ankri li kienu jżommu parti mill-grid, u li dawn kellhom jiġu rimpjazzati.*

*"Ngħid ukoll illi d-dgħajjes tagħna ma setgħux jidħlu mal-gaġeġ peress li konna qed nużawhom biex nirriparaw dawn il-ħsarat.*

*"Biex il-gaġeġ ġew operational domna madwar tlett ijiem, it-tim tiegħi kollu, li jikkonsisti f' madwar 33 ruħ, parti minnhom barranin.'*[56]

46. Il-perit tekniku <u>Philip Zammit</u>, li ħadd mill-partijiet ma ressaq bħala xhud f'din il-kawża, fir-rapport li għamel fl-inkjesta qal:

*'... is-sottoskritt żamm żewġ aċċessi, wieħed fit-28 ta' Awissu 2006 fis-sagħtejn u nofs ta' waranofsinhar (2:30pm) fuq il-post tal-inċident ... u aċċess ieħor fuq il-Coral Water fil-31 ta' Awissu 2006, fil-ħamsa ta' wara nofsinhar (5pm) ...*

*"Fil-kors tal-aċċess miżmum mill-esponent nhar it-Tnejn, 28 ta' Awissu 2006, fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofsinhar (2.30pm), is-sottoskritt, flimkien mal-Ispettur Walter Spiteri, Giovanni Cappitta, PC 186 K. Mintoff, u diversi persuni oħra, rikbu fuq lanċa tal-kumpanija Mare Blu Tuna Farm Ltd., li mix-Xatt tal-Belt Valletta ħadithom madwar erba' (4) mili nawtiċi 'l barra minn Zonqor Point, Marsascala, fejn hemmhekk setgħu jaraw sewwa l-gaġeġ tal-ħut li l-imsemmija kumpanija għandha f' dik iż-żona.*

*"Illi l-qasam tal-ħut, għalkemm il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi ma tantx kienu tajbin, kienu ben visibli. Dan il-qasam kien imdawwar b'diversi bagi pożizzjonati fil-periferija tal-qasam. Fl-istess periferija kien hemm żewġ bastimenti bl-isem ta' MV Graciella u MV Daniela. Apparti minn dawn il-bagi, li allegatament tpoġġew mill-Kumpanija Mare Blu Tuna Farm Ltd., tqegħdu bagi oħrajn li kienu jinsabu pożizzjonati iżjed 'il*

[56] Fol. 678 – 679 u 689 sa 691.

*barra minn dawk ġja fuq deskritti, liema bagi tqegħdu mill-Gvern Malti sabiex jimmarkaw din iż-żona bħala żona ta' akwakultura.*

*"Illi waħda mill-gaġeġ tal-ħut, u ċioé diknumru 7, kienet spustjata u mkissra. Il-bastiment MT Coral Water kien jinsab wieqaf ħdejn din il-gaġġa. Il-bastiment MT Coral Water kien imwaħħal għall-fatt li xi ċimi tal-gaġġa numru sebgħa (7) u oħrajn, kienu mqabbda ma' l-iskrejjen tal-istess bastiment.*

*"Minn dak li wieħed seta' jara f' dawn il-kundizzjonijiet, fil-gaġġa numru sebgħa (7) ma kienx jidher ħut. F'dan l-istadju ġie allegat minn Peter Paul Spiteri, li huwa l-kap tad-divers ta' l-imsemmija kumpanija, illi bl-impatt li l-bastiment MT Coral Water ħa mal-gaġġa numru sebgħa (7), ix-xibka tal-istess gaġġa tqattgħat tali mod li l-ħut li kien hemm fiha ħarab kollu.*

*"Illi diversi ċimi minn gaġeġ oħra dehru maqtugħa u kienu jinsabu jgħumu fil-wiċċ tal-baħar. Waħda mill-gaġeġ l-oħra li kien hemm f' dan il-qasam tilfet is-sura tagħha u ġiet żlugata, u dana għall-fatt li xi ċimi li kienu jorbtuha nqatgħu f' dan l-inċident ...'*[57]

47. L-istess espert ikkonkluda illi:

*'1. Fis-27 ta' Awissu 2006, għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (10.30pm), seħħ inċident marittimu, ċirca erba' (4) mili nawtiċi 'l barra minn Żonqor Point, Marsascala, fejn il-vapur MT Coral Water għamel ħsarat fil-gaġeġ tal-ħut tal-Kumpanija Mare Blu Tuna Farm Ltd.*

*"2. F'dik il-lejla, meta l-kundizzjonijiet meterjoloġiċi kienu ħżiena, l-istess vapur merkantili għadda minn bejn żewġ bagi u l-iskrun qabad maċ-ċimi tal-fish farm, tant li waħda mill-gaġeġ tat-tonn qatagħha mill-irbit tagħha u ġibidha miegħu. Ix-xibka ta' l-istess gaġġa tqattet u l-ħut li kien hemm fih ħarab kollu. Meta l-Kaptan tal-vapur lemaħ id-dawl tal-bagi tal-fish farm kien tard wisq biex jevitahom.*

*"3. F'dan l-inċident, dan il-fish farm saritlu ħsara li tammonta għas-somma globali ta' Lm872,303.26 (tmien mija, tnejn u sebgħin elf, tliet mija u tliet Liri Maltin, sitta u għoxrin ċenteżmu) ekwivalenti għal €2,031,920 (żewġ miljuni, wieħed u tletin elf, disa' mija u għoxrin Ewros). Dawn jinkludu t-tonn li ħarab mill-gaġġa numru 7, għalf tal-ħut, xogħol, bagi u ħbula, xibka, swivels, pipe u ring. Lista dettaljata ta' dawn il-ħsarat tinsab elenkata fid-dokument GC1 anness ma' din ir-relazzjoni.*

[57] Fol. 662 *et seq*.

> *"4. L-imsemmi fishfarm kien kopert minn polza ta' assikurazzjoni mal-kumpanija assikuratriċi 'Sunderland Marine Insurance' kontra dan it-tip ta' nċidenti.'*

48. Fl-inkjesta tqabbad ukoll *scene of the crime photographer* PC186 Kristian Mintoff, li aċċeda fl-imsemmi *fish farm* għall-ħabta tat-14:45 fit-28 ta' Awwissu 2006 u ġibed 36 ritratt.[58]

49. Min-naħa l-oħra, il-bastiment appellat ressaq is-segwenti provi dwar l-allegati danni: żewġ affidavits tal-kaptan Becht; ritratti tal-gaġeġ meħuda mill-kaptan Becht l-għodwa tat-28 ta' Awwissu 2006 immarkati 'AF3' a fol. 178 li ġew ri-eżebiti bin-notamenti tal-kaptan Becht bħala 'Dok. HE3' a fol. 309 *et seq.*; affidavit ta' Carmel Vella; affidavit ta' Roberto Mielgo Bregazzi; affidavit tal-kaptan Mario Grech; l-affidavit tal-Inginier Paul Cardona u l-atti tal-inkjesta.

50. Fl-ewwel affidavit tiegħu l-kaptan Becht sostna illi '*I cannot recall that the vessel at any time came into actual contact with the fish cages*'[59] filwaqt li fit-tieni affidavit[60] elabora aktar dwar it-trajettorja tal-bastiment appellat meta daħal fil-qasam tal-ħut tal-appellanti. In kontro-eżami, fuq domanda tal-Qorti '*So at least at that point you felt that there were no fish in those cages, that was your impression?*' wieġeb, *'Yes Sir that's correct... we didn't hit the cage Your Honour, ... passing those cages or*

[58] Fol. 706 *et seq*.
[59] Fol. 170.
[60] Fol. 305 *et seq*.

*entering the farm but then we were caught by the mooring ropes of the first buoy marking the surroundings of the fish farm ... when the rope got caught I stopped, the engine stopped and I pulled back to telegraph and then she drifted maybe ten, twenty metres forward. She stopped almost immediately because the ropes are the anchor of the buoy'*.[61]

51. Carmel Vella,[62] *commercial diver*, tqabbad mill-Ing. Paul Cardona sabiex jieħu *video* tal-gaġeġ li allegatament ġew danneġġjati meta l-bastiment appellat daħal fil-qasam tal-ħut. Tali *footage* ttieħed nhar l-Erbgħa 30 ta' Awwissu 2006 madwar 10:00am u jinsab eżebit a fol. 257. Jiffoka fuq gaġeġ numri 5 u 7 kemm fuq il-wiċċ tal-baħar kif ukoll minn taħt. Dan ix-xhud ikkonferma li gaġġa numru 5 kellha '*recent contact markings u surface scratches'* u meta daħal ġo fiha kienet estremament nadifa '*with no remains of any dead fish caught up between the net'* u '*well stocked'* b'tonn ta' bejn 40kg u 300kg. Dwar il-gaġġa numru 7 jgħid li kellha *rugged tear* ta' '*10 meters* in length providing a gap width of approximately 3 to 4 meters' u kienet fuq in-naħa tal-Lvant. Kompla jispjega li x-xibka kienet maħmuġa fis-sens li kellha '*dirt and debris'*. Wara nofsinhar spezzjona wkoll l-iskrun tal-bastiment appellat u ra li mgħaqqda miegħu kien hemm '*ropes blue in colour of about 3 inches in*

[61] Fol. 353 -354.
[62] Fol. 254 255.

*diameter and I immediately noticed that they were of the same quality as the ropes which the divers at the fish farm were repairing'*.[63]

52. Xehed ukoll Roberto Mielgo Bregazzi,[64] espert tal-*blue fin tuna*, li kien ingaġġat minn terzi sabiex jagħmel spezzjoni mill-ajru tal-qasam tal-ħut tal-appellanti fis-6 ta' Awwissu 2006, ossija, wieħed u għoxrin jum qabel il-bastiment appellat allegatament ikkawża danni fl-istess qasam tal-ħut. Dan ix-xhud sostna illi:

> *'f. On August 6th 2006 Ø50m Cage No 7 was empty and I say this for the following reasons:*
>
> *"i. The cage's net was not installed or even surface-yoked to the bi-tubular black PVC floating ring inner-pipe, thus making it impossible for such cage to contain any live-Blue Fin Tuna at all.*
>
> *"ii. The Ø50m floating structure appeared to be still geared for towing. A set of Ø52mm & Ø32mm diagonal internal towing ropes can be clearly identified in every single picture.*
>
> *"g. I have been asked wheher it is possible for the cages indise Mare Blu's tuna ranch to be moved from one mooring site to another during the period August 6th 2006 to August 26th 2006. In my expert opinion it is highly unlikely for a number of logistic reasons however most importantly such movement in the positioning of a cage containing live-Blue Fin Tuna would have caused great stress to the biomass of tuna contained in the cage to the detriment of the Tuna Rancher's financial interest.*
>
> *"h. I have also been asked whether it would have been possible to transfer 207,000.00kgs of live blue fin tuna from another of Mare Blu's cages into Ø50m Cage No 7 during the period August 6th 2006 to August 26th 2006. In my expert opinion it is highly unlikely for the same reason given in paragraph g above.*
>
> *"i. I have been asked whether it would have been possible for a new cage containing 207,000kgs of live Blue fin tuna to be towed into Mare Blu's tuna ranch during the period August 6th 2006 to August 26th*

[63] Fol. 255.
[64] Fol. 285 *et seq*. u 388 *et seq*.

*2006. In my expert opinion this is impossible since the 2006 fishing and live transferring season had officially and legally ended some two months prior to August 2006.*

*"6. In addition to the above I have been provided with a set of photographs taken by the master in the morning of the 28th of August. These photographs contain images of Ø50m Cage No7 which prove that on the evening of the 27th of August 2006 prior to the entry of the Coral Water into the Fish Farm perimeter, Ø50m Cage No7 could not have possibly contained any fish at all simply because it again appears to have no net installed or even surface-yoked to the bi-tubular black PVC floating ring, thus making it impossible to contain any fish at all.*

*"7. I have also been provided with an underwater video taken by Carmelo Vella on the 30th August 2006 – 3 days later after the alleged incident. After a careful and detailed analysis of this surface and underwater footage of Ø50m Cage No5 and Ø50m Cage No7 at Mare Blu tuna ranch on August 30th I am able to state ... that attached to Ø50m Cage No7 is a net ... [which] I am led to conclude ... was assembled AFTER the alleged collision ...'*

53. L-istess xhud kompla jixhed *viva voce* fl-udjenza tat-2 ta' Novembru 2010[65] u eżebixxa ritratti bil-kulur tal-qasam tal-ħut tal-appellata li ġew meħuda minnu mill-ajru fis-6 ta' Awwissu 2006. Spjega li dawn kienu parti minn *aerial survey* li sar fil-Mediterran kollu għall-*Worldwide Life Fund* li riedet tevalwa l-ammont ta' tonn li ġie trasferit f'*fish farms* ġewwa Malta minħabba tħassib dwar *over-fishing.*[66] B'referenza għal RMB2[67] u RMB3[68] xehed:

*'From these two close ups it is clear to me that Cage Number 7 on August the 6th 2006 was empty because <u>it simply had not a net attached to it</u>. If you look at this picture here we have identified Cage Number 7 as this one here south towards me, you can actually see no floating ... yellow floaters attached to the bitubular section, floating section of the cage, whereas you can compare cage Number 7 to Cage number 6 and 3 where you can actually see the floating line on the surface here and here. This is a clear indication that the net is attached*

[65] Fol. 339 *et seq*.
[66] Fol. 362.
[67] Fol. 407.
[68] Fol. 408.

*to Cage Number 6 and 3, I cannot see one in cage Number 7. Besides in cage number 6 you can actually see a floater in the middle of the cage and this white trace here indicates the presence of what I believe is a feeder for the fish ... Now it appears to me that there is no ... no net, no fish...'*[69]

54. B'referenza għar-ritratt numru 10,[70] eżebit mill-kaptan Becht, Roberto Mielgo Bregazzi xehed li l-gaġġa murija fir-ritratt ma kellhiex net għaliex ma kellhiex *floating lines* u lanqas kellha dwal, *radar* jew *reflectors.* Spjega li:

*'these are composed of 1.5 to 3 litre flotation buoys that are normally yellow, and it's a floatation line that floats on the surface and that allows you to attach the net, the top surface out of the net to the inner pipe of the bitubular floating section of the cage. You actually attach the cylindered section of the net to your floating bitubular on the surface, and then the net falls and you have a sack, its' a closed cylinder so to speak. So in order to do that you need a floatation line whihc has to be seen if there is no floatation line there is no net attached to the cage. Besides, on this particular Picture Number 10 I can see no attachments whatsoever on the floatation section other than the attachments due to the actual mooring of this particular bitubular floating section.'*

55. In kontro-eżami Bregazzi xehed illi skont evalwazzjoni estremament konservattiva meħuda minnu mill-ajru, fil-qasam tal-ħut attriċi kien hemm 1,400 tunnellata tonn.[71] *Inter alia* xehed ukoll li l-*growth rate* tat-tonn hija bejn 11% u 14%. Eskluda bħala ferm improbabbli l-possibilta` li l-ħut seta' ġie trasferit fil-gaġġa numru 7 wara d-data tal-*aerial survey* tiegħu. Dan għaliex ladarba t-tonn jitqiegħed ġol-gaġeġ ikun irid ċertu żmien biex joqgħod (*to destress*) u għalhekk huwa ferm

[69] Fol. 359.
[70] Fol. 318.
[71] Fol. 365.

improbabbli li se jerġa' jitħarrek bil-possibilta` ta' żieda fir-rata ta' mortalita` tal-ħut. Mistoqsi x'ċertezza għandu illi n-net tal-gaġġa numru 7 ġiet armata wara l-inċident, wieġeb:

> *'One hundred percent ... because the cage had no net on August the 6th, it had no net on August the 27th, it had a net three days after. And I have analysed extremely carefully the underwater and surface of the video footage of Cage Number 7 and I have compared it with Cage Number 5, and that cage had no net prior to August 27th or on August 27th. <u>As a matter of fact Your Honour pardon my word the work that was done was a botch, meaning that the net that was attached three days after that and which appears on video, is it is laughable to someone who had been involved for fourteen years</u>[72] ...*
>
> *"... that underwater video footage of Cage Number 7 is no nowhere around the entire perimeter, the underwater perimeter could I see a single rope with underwater ballasts. Now and to actually put fish into a cage with no outside ballasts to actually keep the net properly opened in order for it not to collapse or to yoke killing your fish, is quite incredible. I mean there is no way.*[73]
>
> *"... Based on Photograph Number 10 ... there is no net because tehre is no floating line on it, number 2 if that net with that floating line would have been torn by the ship there would be remains of the floating line, of that net and specially the attachments. You see Your Honour what is more important here is what you do not see and what I do not see in this picture are the attachments of the ballast wieghts.'*[74]

56. Mistoqsi jekk jeskludix il-possibilta` li mal-impatt il-piżijiet inqatgħu jew tkaxkru mill-bastiment appellat Bregazzi wieġeb illi:

> *'Yes I am totally excluding the possibility on the entire perimeter of the cage. But mind you I will give you this, should some of those ropes be pulled by a collision you would still have the remains of those ropes, and there is not a single remain of those ropes. I was actually looking for the remains of those ballast ropes in the alleged collision section of the cage.'*[75]

---

[72] Fol. 374.
[73] Fol. 376.
[74] Fol. 387.
[75] Fol. 376.

Spjega wkoll li l-qasam tal-ħut kellu *grid mooring system* li jfisser li jekk *mooring line* tgħaqqdet fl-iskrun tal-bastiment appellat, din setgħat ġebbdet il-*mooring system* sħiħa u d-dispożizzjoni tal-gaġeġ inbidlet. Iżda dan ma jikkawżax direttament ħsara fix-xibka tal-gaġeġ. Dwar il-possibilta` li l-ħut kollu seta' ħareġ mit-tiċrita tax-xibka tal-gaġġa numru 7 wieġeb:

> *'Without not even one being entangled in the net! Of course it's possible, it would be a miracle.'*[76]

57. Għall-finijiet tal-kwistjoni tad-danni rilevanti wkoll l-affidavit tal-kaptan Mario Grech illi *inter alia* ppreżenta dijagramma li fuqha mmarka t-trajettorja tal-bastiment appellat wara li telaq mill-*bunkering zone 4.*[77]

58. Finalment issir referenza għall-affidavit tal-Inġinier Paul Cardona[78] illi fuq talba tal-*underwriters* tal-bastiment appellat intalab jirrediġi rapport dwar in-natura u l-estent tal-inċident u allegat telf ta' ħut mill-qasam tal-ħut tal-appellanti. Jgħid li għamel aċċess *on site* fit-28 ta' Awwissu 2006 wara nofsinhar u kkostata illi:

> *'a number of blue synthetic ropes used at the perimeter of the fish farm were seen to be broken. Some scratch marks were seen on the plastic pipe perimeter of Cage No. 5 and a couple of rail stanchions were broken. No physical damage was seen in way of No. 7 cage. The fish farm claimed that they had lost all fish inside cage No. 7 but no fish was lost from cage No. 5 ...*

---

[76] Fol. 381.
[77] Dok MG2 a fol. 427.
[78] Fol. 470 *et seq*.

> *"I decided to hire the services of a professional diver to inspect the condition of cages Nos. 5 and 7 which were allegedly involved.*
>
> *"AN underwater inspection was carried out by diver Carmel Vella 3 days after the casualty on the 30th August and a recording was made by an underwater digital camera ...*
>
> *"As can be seen from the DVD:*
>
> - *"Some damage was sustained by the top ring of Cage No. 5. However no loss of fish resulted.*
> - *"The netting of cage No.5 appears clean and clear.*
> - *"The netting of cage No.7 cage was torn on the east side of the cage, i.e. diametrically opposite to the alleged contact by the Coral Water. The tear was stated to be about 10 meters in length and about 3 to 4 meters in width. The netting aso appeared to contain substantial amounts of debris."*
>
> *"On the 28th August I visited the offices of Mare Blu and this was followed by other visits by the undersigned ...'*

59. L-inġinier Paul Cardona ppreżenta wkoll diversi dokumenti, fosthom ritratti u pjanti tal-qasam tal-pożizzjoni u l-orjentazzjoni preċiża tal-qasam tal-ħut in kwistjoni u tal-gaġeġ infushom inkluż skizz ta' gaġġa bid-dettall ta' kif din tkun armata.[79] Spjega wkoll kif taħdem it-*Tuna Ranching Industry.*[80] Ta' rilevanza:

i. il-mod kif jinqabad il-ħut u jinġibed fil-qasam tal-ħut bil-mod sabiex ma ssirlux ħsara u stress żejjed;

ii. il-fatt illi wara li l-ħut jitiegħed fil-gaġeġ jitħalla joqgħod (*destress*) għal madwar xahar qabel ma jibda jintagħlef;

[79] Fol. 502 *et seq*.
[80] Fol. 476.

iii. il-fatt illi l-ħut li jmut fil-proċess irid jiġi rapportat lill-awtoritajiet tal-pajjiż u jinżamm reġistru għal dan il-għan mill-*fish farm*;

iv. il-*harvesting*/qatla ssir fl-ewwel nofs ta' Settembru u tibqa għaddejja sa l-aħħar tas-sena b'dan illi safrattant il-ħut jitħaxxen;

v. li t-*tuna ranching* huwa kkontrollat mill-*International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas*; u

vi. li skont regolamenti internazzjonali u liġijiet tal-EU, trid tiġi dokumentata u reġistrata l-informazzjoni sħiħa dwar kull sajda, l-ammont ta' ħut mqiegħed fil-gaġeġ, in-numru ta' mwiet, il-*harvest*/qatla u finalment l-esportazzjoni lejn il-Japan.[81]

60. Fuq dan il-każ speċifiku osserva illi:

> *'the perimeter ropes at the surface ... are laid like a spider's web around the cages and would ... stop any vessel entering the fish farm before it penetrates the cages';*

61. Irrelata wkoll dwar it-*transhipment declarations*, *caging declarations, sales of fish records, record of morts* u *feeding of fish*

[81] Fol. 477 – 478.

*records* mogħtija lilu mis-soċjeta` appellanti lkoll eżebiti fir-relazzjoni tiegħu. Jgħid li minnhom ivverifika illi:[82]

i. skont *customs declarations Franċiżi,* fil-mument li sar it-trasferiment mill-*fishing vessels* għat-*tug boats* li kellhom jittrasportaw is-sajda għall-qasam tal-ħut, inqabdu 9,695 ħuta b'piż komplessiv ta' 1526.60 tunnellata;

ii. is-soċjeta` appellanti ddikjarat mal-awtoritajiet nazzjonali illi fis-17 ta' Ġunju 2006, 16 ta' Lulju 2006 u 17 ta' Lulju 2006 ġew trasferiti fil-gaġeġ tagħha n-numru komplessiv ta' 8,975 ħuta bil-piż totali ta' 1406.6 tunnellata.[83] Bejn tali dikjarazzjonijiet u l-inċident ma saret l-ebda dikjarazzjoni ulterjuri għal ċaqlieq intern bejn il-gaġeġ;

iii. it-tliet *sales* invoices maħruġa mill-appellanti datati 13 ta' Ottubru 2006, 31 ta' Ottubru 2006 u 28 ta' Diċembru 2006 juru bejgħ ta' 9,233 ħuta bil-piż komplessiv ta' 1519.748 tunnellata;

iv. is-soċjeta` appellanti rreġistrat illi bejn it-3 ta' Lulju 2006 u s-26 ta' Ottubru 2006 mietu 393 ħuta bil-piż komplessiv ta' 54,905 kilo, ossija 54.905 tunnellata. La hemm *record* ta' mwiet bejn id-data tal-*caging* u t-

---

[82] Fol. 483 *et seq*.
[83] Jidher li hawn l-Ing. Cardona għandu żball tipografiku. Il-*caging declarations* a fol. 533 sa 537 jirreferu biss għas-16 u 17 ta' Lulju 2006.

3 ta' Lulju 2006 (meta l-ħut kien l-aktar *stressed)* u lanqas hemm *record* ta' mwiet bejn is-26 ta' Ottubru 2006 u d-data tal-aħħar *harvest* fit-28 ta' Diċembru 2006;

v. bejn is-6 ta' Lulju 2006 u l-25 ta' Diċembru 2006 intuża 4,276 tunnellata għalf.

62. Minn dan, l-Inġinier Cardona jikkonkludi illi:

> *'figures do not add up ... the documents given to me do not support a loss of 207 tons of fish as a result of the alleged incident with the Coral Water. In fact the documents submitted to me confirm that there was no loss of fish at all.'*[84]

63. Dan b'referenza għall-fatt li n-numru ta' ħut mixtri (figura approssimattiva kkalkulata mill-għaddasa) kien ta' 9,675 filwaqt li nbiegħu 9,626 ħuta li jħalli differenza ta' 49 ħuta. Ġew dikjarati wkoll 48 tunellata mill-ammont mixtri. Jekk min-naħa l-oħra jsir kalkolu fuq il-piż medju ta' kull ħuta fil-mument meta nxtrat, li jammonta għal 157.72kg, l-allegat telf ta' tonn ta' 307 tunellata (207 tunnellata f'dan l-inċident u 100 tunellata fl-inċident tal-'Ray G') kieku jfisser telf ta' 1,946 ħuta. Apparti dan l-appellanti ppreżentat *sales invoices* numri 102, 105 u 106 li jfisser li *invoices* 101, 103 u 104 huma nieqsa. Dan fil-kuntest tal-fatt li *tuna ranching* huwa l-uniku *business* tagħha.

[84] Fol. 492.

64. Finalment ikkonkluda illi:

*'I do not accept that any form of shifting took place following the initial caging';*[85]

*'no fish was ever present in cage number 7 prior to the alleged collision or at the time of the alleged collision.'*[86]

*'... the DVD taken by Carmel Vella of Cage number 7 who carried out a dive on the 30th August 2006 – 3 days after the event ... also shows that the netting was torn on the eastern side of the cage. This was diametrically opposite to the location of the alleged entry of the vessel into the fish farm and the vessel was nowhere near this zone. Furthermore it is to be noted that the outer floating ring of the cages is made up of two 320mm diameter pvc pipes with a distance of around 300mm between them. The net is hung on the inner side of the inner ring. Thus, any vessel making contact with the cage would be at least about 940mm away form the net. This arrangement can be seen in the two photographs which were downloaded from the DVD produced by the diver and shown in the next page.*

*"Thus, if the net was to be damaged by a vessel the outer float ring would be severely damaged before any damage to the net was to occur. This is especially so since this vessel had a raked bow and did not have a bulbous bow. Furthermore, the forward draft of the vessel was only 1.3m and as such it would have been impossible to contact the net. The fact that no damage was sustained by the outer floating ring proves, if any further proof is necessary, that there was no contact with the cage by this vessel.'*[87]

65. Abbażi tal-provi li hemm fl-atti, il-Qorti hi konvinta li fil-lejl bejn is-27 u t-28 ta' Awwissu 2006 il-bastiment daħal fil-qasam tal-ħut tal-appellanti mit-trajettorja ndikata mill-Inginier Paul Cardona a fol. 503 u l-iskizz a fol. 559, ossija, minn bejn gaġġa numru 5 u gaġġa numru 7. It-teżi tal-appellanti li l-bastiment daħal min-naħa opposta tal-qasam tal-ħut minħabba xi ħbula maqtugħa fuq dik in-naħa hija bla bażi u illoġika meta

[85] Fol. 493.
[86] Fol. 493.
[87] Fol. 494 – 495.

jitqies minn fejn telaq il-bastiment appellat u fejn kien sejjer. Wara kollox l-appellanti stess issostni li l-ħbula maqbuda mal-iskrun tal-bastiment appellat ċaqalqu l-grid kollu tal-qasam tal-ħut in kwistjoni. Il-Qorti sejra għalhekk tistrieħ fuq it-trajettorja murija mill-Inġinier Cardona.

66. A fol. 308 hemm dijagramma ta' kif spostja ruħu l-bastiment wara li daħal fil-qasam tal-ħut. Il-bastiment appellat huwa twil madwar 90 metru[88] ossija d-dijamentru tal-gaġġa numru 5. L-iskizz a fol. 308 m'huwiex *to scale*. Il-Qorti sejra għalhekk tistrieh fuq eżerċizzju simili li sar mill-Inginier Cardona a fol. 500 fejn il-bastiment ġie ndikat b'kejl aktar realistiku. Fiż-żewġ verżjonijiet ġie ndikat li l-bastiment waqaf malli daħal fil-qasam tal-ħut u min hemm dahar bil-kurrent matul il-lejl fuq ix-xellug (*portside*) b'mod tali li sa filgħodu kien dahar 180º. Abbażi ta' hekk, kif ukoll il-fatt illi ġie ravviżat brix fuq il-*plastic perimeter pipe* tal-gaġġa numru 5, il-Qorti tasal għall-konklużjoni li għalkemm il-bastiment appellat ma laqatx il-gaġġa numru 5 meta seħħ l-inċident, probabbilment kien hemm kuntatt magħha meta matul il-lejl il-bastiment kien qiegħed idur bil-kurrent.

67. Rilevanti wkoll li ma jirriżultax li nstab brix mal-periferija tal-gaġġa. Għalkemm huwa possibbli li meta l-iskrun tal-bastiment appellat qabad il-ħbula tal-periferija tal-qasam tal-ħut kien hemm xi ċaqliq fil-gaġeġ, b'dan

[88] Fol. 25.

illi l-gaġġa numru 7 setgħet spustjat ruħha minn fejn kienet oriġinarjament, ma ġie bl-ebda mod ippruvat li dan fih innifsu seta' kkawża tiċrita fix-xibka li allegatament kienet marbuta mal-gaġġa numru 7. F'kull każ ma jispjegax kif l-*outer floating ring* tal-gaġġa numru 7*,* li jkun sostanzjalment 'il barra mix-xibka, ma jirriżultax li sofra ħsara.

68. Rilevanti wkoll illi:

i. Apparti x-xhieda limitata ta' Peter Paul Spiteri fl-atti tal-inkjesta, is-soċjeta` appellanti ma ressqet l-ebda prova konkreta biex tikkorrabora l-allegazzjoni li fl-istaġun tal-2006 hija ttrasferiet 207 tunnellata tonn *blue fin* fil-gaġġa numru 7, kif dikjarat minn Giovanni Cappitta. Għalkemm ma sarx kontro-eżami ta' Giovanni Cappitta pero` hemm provi b'saħħithom biżżejjed sabiex iġiegħlu lill-Qorti ma tistriħx fuq il-verżjoni li taw Spiteri u Cappitta.

ii. Ġie ppruvat, permezz tax-xhieda ta' Roberto Mielgo Bregazzi, illi fis-6 ta' Awwissu 2006 il-gaġġa numru 7 fil-qasam tal-ħut tal-appellanti ma kellhiex xibka mwaħħla magħha.[89] L-appellanti tipprova tiskredita[90] x-xhieda ta' Bregazzi billi tgħid li: (i) id-dokumenti minnu preżentati m'humiex konformi mal-Artikolu 191 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ix-xhud ma kienx wieħed dikjarat; u (iii) li mhux xhud indipenenti. Jirriżulta

[89] Fol. 407 u 408.
[90] Fol. 906.

iżda li l-ilment (i) ma tqajjimx *a tempo verġine*, l-ilment (ii) huwa infondat għaliex dan ix-xhud xehed bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti,[91] u l-ilment (iii) huwa biss allegazzjoni. Fl-istess nifs l-appellanti tikkonċedi li fil-ħamsa (5) ta' Awwissu l-gaġġa numru 7 kienet vojta.[92] Tgħid iżda li dan ma jfissirx li ma kienx hemm ħut fil-gaġġa fil-lejl meta l-bastiment daħal fil-qasam tal-ħut tagħha u tkompli b'serje ta' ipoteżijiet kif il-ħut seta' ddaħħal fil-gaġġa numru 7 wara l-imsemmija data. Argumenti purament ipotetiċi li ma jirriżultawx sodisfaċentement ippruvati.

iii. Fir-ritratti li ttieħdu minn PC186 Kristian Mintoff fit-28 ta' Awwissu 2006 fuq inkarigu tal-Maġistrat Inkwirenti, gaġġa numru 7 tidher armata biss għal dak li huwa *outer floating ring* ta' lewn iswed.[93] M'hemm l-ebda bagi sofor madwar iċ-ċirkonferenza interna tal-istess gaġġa. Bagi li jintużaw sabiex iżommu x-xibka fil-wiċċ bħal ma jidher li hemm ma gaġeġ oħra.[94] Lanqas m'hemm provi li gaġġa numru 7 kellha dawl. L-istess jirriżulta mir-ritratti meħudin mill-kaptan Becht fl-għodwa tat-28 ta' Awwissu 2006.[95] L-appellanti targumenta li l-għada tal-inċident gaġġa numru 7 tidher bla tgħammir fir-ritratti li ħa l-kaptan Becht u s-*scene of the crime officer* għaliex fl-inċident saret ħerba u '*t-tgħammir kollu relatat mal-gaġġa safa mitluf*'. Argument dgħajjef immens peress li l-provi juru li

91 Fol. 278.
92 Fol. 338 u 907.
93 Fol. 722, 723, 724, 728, 729, 730, 731, 739.
94 Eżempju gaġġa numru 4 u 5 a fol. 315 u 324, gaġġa numru 6 a fol. 319 u gaġeġ numru 3 u 6 a fol. 320.
95 Fol. 318 u 319.

ma saret l-ebda ħsara fit-*tubing* tal-pvc tal-gaġġa. Jekk il-verżjoni tal-appellanti għandha mis-sewwa, it-*tubing* kellu jkun danneġġjat ukoll meta tikkonsidra li suppost qala' daqqa ta' bastiment. Ix-xibka tkun imqabbda fuq il-part ta' ġewwa ta' dik l-istruttura sewda li tidher f'wiċċ il-baħar. Mela l-ewwel impatt ta' bastiment hu ma' dik l-istruttura, li pero` ma kien fiha l-ebda ħsara.

iv. Peter Paul Spiteri xehed li fit-28 ta' Awwissu 2006 mar jagħmel spezzjoni u osserva *".... illi l-gaġġa maqtugħa li semmejt aktar 'il fuq kellha tiċrita kbira fix-xibka, u l-ħut (tonn) li kien hemm fiha, ħarab kollu mill-istess tiċrita. It-tiċrita kienet ta' kważi 17-il metru"*. L-ironija hi li l-appellanti argumentat li fl-inċident it-tagħmir kollu relatat mal-gaġġa, intilef fl-inċident.

v. Fil-prospett tad-danni l-appellanti inkludiet somma għal net ta' 50 metru '*black colour with* <u>*416 tuna buoys on water line*</u>'.[96] Fil-video li ttieħed minn Carmel Vella fit-30 ta' Awwissu 2006 dawn il-bagi sofor li jżommu x-xibka marbuta bi ħbula ħodor mal-gaġġa, jidhru fuq il-*water line*. Pero` fit-ritratti li ħa l-kaptan Becht u l-fotografu nkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti, m'hemmx bagi sofor. Indikazzjoni oħra li tpoġġew ma' gaġġa numru 7 wara l-inċident meritu tal-kawża.[97]

---

[96] Fol. 83.
[97] Fol. 257 u 496. *Snapshots* bil-kulur tal-*video footage* jinsabu stampati fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellata a fol. 925.

vi. Il-ħmieġ maqbud max-xibka ta' gaġġa numru 7 (ara filmat li ħa Carmel Vella) ikompli jindika lill-Qorti li f'dik il-gaġġa ma kienx hemm tonn. Dan partikolarment meta mqabbel mal-kundizzjoni tal-gaġġa numru 5 li tidher fl-istess filmat. In-nuqqas ta' *ballast weights* biex iżommu x-xibka l-isfel hi wkoll rilevanti.[98] Dan apparti li l-provi juru wkoll li minn dik il-kwantita` kbira ta' tonn li suppost kien hemm fil-gaġġa, l-ebda ħuta ma tgħaqqdet jew baqgħet fix-xibka. Fil-fehma tal-Qorti dan hu ferm inverosimili.

vii. Id-differenza bejn in-numru komplessiv ta' tonn trasferit fil-gaġeġ tal-appellanti u dawk li biegħet wara li jitnaqqsu l-imwiet iħallu diskrepanza żgħira (49 ħuta) li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma tista' ssarraf f'telf ta' 207 tunnellata tonn. Dan hu spjegat b'mod ċar fir-rapport tal-inġinier Cardona. Verament li d-dokumenti eżebiti mar-rapport tal-inġinier Cardona ma ġewx awtentikati iżda xehed bil-ġurament li kienet l-appellanti stess li pprovdithom meta talabhom. L-appellanti targumenta wkoll li fit-T2Ms (dikjarazzjonijiet tad-Dwana) ma kienx hemm kaxxa apposta fejn jitniżżel l-ammont ta' ħut li jkun inqabad iżda ladarba bħala stat ta' fatt tali informazzjoni tniżżlet fid-dikjarazzjonijiet eżebiti, l-ilment hu fieragħ. Issostni wkoll li d-dikjarazzjonijiet fit-T2Ms huma approssimattivi. Dan mhux kontestat iżda d-diskrepanza f'dan il-każ hija

[98] Fol. 376 u 387.

wisq kbira biex tiġi ġġustifikata b'dan il-mod. L-appellanti targumenta wkoll li sabiex il-kalkolu jsir b'mod aktar preċiż, dan għandu jinħadem fuq il-piż tat-tonn mixtri, multiplikat b'25% rappreżentanti ż-żieda fil-piż tat-tonn sakemm idum jitħaxxen fil-qasam tal-ħut, u minnu jitnaqqas il-piż tat-tonn mibjugħ. Iżda l-Qorti tqis li dan il-kalkolu ma jistax isir b'ċertezza ladarba jirriżulta li fis-sekwenza numerika tal-fatturi għall-bejgħ tat-tonn eżebiti in atti neqsin dawk bin-numru 103 u 104 u possibilment il-101. Meta l-Inginier Cardona għamel referenza għal dan, l-appellanti ma għamlet l-ebda talba biex tiġi awtorizzata teżebihom.

69. Din il-Qorti tikkonkludi għalhekk illi m'huwiex veru li l-bastiment baqa' dieħel fil-gaġġa numru 7 u għamel il-ħerba li qalet l-attriċi. Dan apparti li mill-konsiderazzjonijiet li saru din il-Qorti tikkonkludi li fil-gaġġa numru 7 ma kienx hemm xibka fil-lejl bejn is-27 u t-28 ta' Awwissu 2006 u għaldaqstant ma kienx fiha ħut.

70. Għalhekk, l-ebda kumpens ta' danni ma jirriżulta dovut:

i. għall-allegat telf ta' ħut;

ii. għall-allegat telf ta' 80 tunnellata ikel għall-istess;

iii. għax xibka ta' 50 metru li tidher imqatta' fil-*video* meħud minn Carmel Vella.

71. Danni oħra li ppretendiet l-appellanti huma (ara fol. 82-83):

| | € |
|---|---|
| Baga waħda | 800 |
| 920 metru ta' ħbula ta' dijametru ta' 52mm | 2,267.27 |
| 220 metru ħbula ta' dijametru ta' 72mm | 1,075.74 |
| Tlitt ijiem xogħol | 71,718.47 |
| Pipe | 979 |
| Żewġ *chain swivels* | 170 |
| *Ring* waħda | 146.34 |
| **Total** | **77,156.82** |

72. L-appellanti ma tatx spjegazzjoni suffiċjenti dwar spejjeż għal tliet ijiem spjegati fir-rendikont Dok. GC25 mehmuż mal-affidavit ta' Giovanni Cappitta. Jissemma per eżempju €22,000 kuljum (għal tlitt ijiem) spejjeż ta' MV Graziella, MV Daniela u MV Paloma Reefer għal *"feeding tuna with bait and supervising fish farm"*. Il-Qorti ma fehmitx dawk l-ispejjeż x'għandhom x'jaqsmu mal-inċident in kwistjoni. Dan iktar u iktar meta l-Qorti kkonkludiet li l-gaġġa numru 7 kienet mingħajr xibka u mingħajr ħut.

73. Hu veru li l-appellata ma qalet xejn dwar is-somma ta' €71,718.47. Pero` l-Qorti xorta m'hijiex sodisfatta li l-appellanti kellha tagħmel dawk l-ispejjeż minħabba dak li ġara matul il-lejl bejn is-27 u 28 ta' Awwissu. Dan iktar u iktar meta tikkonsidra l-claim fittizja li l-appellanti għamlet għal telf ta' ħut, spejjeż ta' trasport u ikel qrib is-somma ta' €2,000,000.

74. Dak li effettivament ġara kien li nqatgħu xi ħbula li ovvjament kien hemm bżonn li jinbidlu. Il-Qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) li tkopri spejjeż tal-materjal inkluż ħbula u *mano d'opera*.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbbli mal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq u tħassar is-sentenza tal-ewwel Qorti tat-12 ta' Jannar 2016. Tiċħad l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjoni u tilqa' t-tielet eċċeżżjoni tal-konvenuta *nomine* u:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi;

2. Tilqa' wkoll, limitatament, it-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni fis-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000). Fiċ-ċirkostanzi m'hemmx ħtiega li tiddeċiedi dwar il-ħames eċċezzjoni; u

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-bastiment iħallas lill-attriċi s-somma likwidata bl-imgħax mil-lum.

Spejjeż tal-ewwel Qorti a karigu tal-bastiment b'dan li fir-rigward tad-dritt tar-reġistru, tal-avukati u tal-prokuraturi legali għal dak li għandu x'jaqsam mal-likwidazzjoni tad-danni, il-bastiment konvenut ikun responsabbli jagħmel tajjeb biss għal dawk id-drittijiet kalkolati fuq is-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) likwidata b'din is-sentenza. Kwalsiasi drittijiet fuq is-somma ta' żewġ miljuni sittax-il elf u tliet ewro (€2,016,003)[99] li kienet qiegħda wkoll tippretendi l-attriċi, huma a karigu tagħha biss.

Spejjeż tal-appell jinqasmu nofs bin-nofs ($^1/_2$) b'dan li fir-rigward tad-dritt tar-registru, tal-avukati u tal-prokuraturi legali għal dak li għandu x'jaqsam mal-likwidazzjoni tad-danni, il-bastiment ikun responsabbli jagħmel tajjeb biss għal dawk id-drittijiet kalkolati fuq is-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000), filwaqt li d-drittijiet fuq il-bilanċ tad-danni li talbet l-attriċi skont Dok. GC25 a fol. 82 u 83 huma a karigu tagħha biss.

| Mark Chetcuti | Giannino Caruana Demajo | Anthony Ellul |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm

99 €2,031,003.49 (fol. 83) - €15,000 = €2,016,003.49